IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.2.2020
COM(2020) 49 final

ANNEXES 1 to 6

ANNESSI

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (kodifikazzjoni)

↓ 2014/107/UE Art. 1.6 u Anness (adattat)

ANNESS I

REGOLI TA' RAPPURTAR U DILIĠENZA DOVUTA GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR KONTIJIET FINANZJARJI

Dan l-Anness jistipula r-regoli ta' rappurtaġġ u diliġenza dovuta li għandhom jiġu applikati mill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkomunikaw, permezz ta' skambju awtomatiku, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(4) ta' din id-Direttiva. Dan l-Anness jiddeskrivi wkoll ir-regoli u l-proċeduri amministrattivi li l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta', u l-konformità ma', il-proċeduri ta' rappurtaġġ u diliġenza dovuta li jinsabu hawn taħt.

TAQSIMA I

REKWIŻITI ĠENERALI TA' RAPPURTAR

A. Soġġett għall-punti C, D u E, kull Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tirrapporta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tagħha l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli ta' tali Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti:

1. l-isem, l-indirizz, l-Istat(i) Membru/i ta' residenza, it-TINs u d-data u l-post ta' twelid (fil-każ ta' individwu) ta' kull Persuna Rapportabbli li tkun Detentur ta' Kont ta' kont u, fil-każ ta' kwalunkwe Entità li tkun Detentur ta' Kont u li, wara l-applikazzjoni tal-proċedura ta' diliġenza dovuta konsistenti mat-Taqsimiet V, VI u VII, tkun identifikata li jkollha Persuna Kontrollata waħda jew aktar li ⌦ jkunu Persuni Rapportabbli ⌫, l-isem, l-indirizz, l-Istat(i) Membru/i u (jekk ikun hemm) ġurisdizzjoni(jiet) oħra ta' residenza u t-TINs tal-Entità u l-isem, l-indirizz, l-Istat(i) Membru/i ta' residenza, it-TINs u d-data u l-post ta' twelid ta' kull Persuna Rapportabbli;
2. in-numru tal-kont (jew l-ekwivalenti funzjonali fin-nuqqas ta' numru ta' kont);
3. l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni (jekk ikun hemm) tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti;
4. il-bilanċ tal-kont jew il-valur (inkluż, fil-każ ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità, il-Valur fi Flus jew il-valur ta' ċessjoni) fl-aħħar tas-sena kalendarja rilevanti jew perijodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor jew, jekk il-kont ikun ingħalaq matul tali sena jew perijodu, l-għeluq tal-kont;
5. fil-każ ta' kwalunkwe Kont ta' Kustodja:
   (a) l-ammont gross totali ta' interessi, l-ammont gross totali ta' dividendi, u l-ammont gross totali ta' dħul ieħor iġġenerat fir-rigward tal-assi miżmuma fil-kont, f'kull każ imħallas jew ikkreditat lill-kont (jew fir-rigward tal-kont) matul is-sena kalendarja jew perijodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor; u
   (b) ir-rikavat gross totali mill-bejgħ jew l-ammortament ta' Assi Finanzjarji mħallas jew ikkreditat lill-kont matul is-sena kalendarja jew perijodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor li fir-rigward tiegħu l-Istituzzjoni Finanzjarja

Rapportanti aġixxiet bħala kustodju, intermedjarju, persuna nominata, jew inkella bħala aġent tad-Detentur ta' Kont;

6. fil-każ ta' kwalunkwe Kont Depositarju, l-ammont gross totali ta' interessi mħallsa jew ikkreditati lill-kont matul is-sena kalendarja jew perijodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor; u

7. fil-każ ta' kwalunkwe kont mhux deskritt fil-punt A(5) jew (6), l-ammont gross totali mħallas jew ikkreditat lid-Detentur ta' Kont fir-rigward tal-kont matul is-sena kalendarja jew perijodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor li fir-rigward tiegħu l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tkun l-obbligant jew id-debitur, inkluż l-ammont aggregat ta' kwalunkwe pagamenti ta' fidi magħmula lid-Detentur ta' Kont matul is-sena kalendarja jew perijodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor.

B. L-informazzjoni rappurtata trid tidentifika l-munita li fiha tkun iddenominata kull ammont.

C. Minkejja lpunt A(1), fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli li jkun Kont Preeżistenti, it-TIN(s) jew id-data ta' twelid ma tkunx meħtieġa li tiġi rappurtata jekk tali TIN(s) jew data ta' twelid ma tkunx fir-rekords tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti u ma tkunx tinħtieġ li tinġabar b'mod ieħor minn tali Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti skont il-liġi domestika jew kwalunkwe strument legali tal-Unjoni. Madankollu, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti hija mitluba tagħmel sforzi raġonevoli biex tikseb it-TIN(s) u d-data ta' twelid fir-rigward ta' Kontijiet Preeżistenti sal-aħħar tat-tieni sena kalendarja wara s-sena li fiha Kontijiet Preeżistenti ikunu ġew identifikati bħala Kontijiet Rapportabbli.

D. Minkejja l-punt A(1), it-TIN ma jkunx meħtieġ li jiġi rappurtat jekk ma jinħariġx TIN mill-Istat Membru rilevanti jew ġurisdizzjoni oħra ta' residenza.

E. Minkejja l-punt A(1), il-post ta' twelid ma jkunx meħtieġ li jiġi rappurtat sakemm:

(1) l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tkun meħtieġa tiksbu u tirrappurtah skont il-liġi domestika jew l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tkun jew kienet meħtieġa tiksbu u tirrappurtah skont kwalunkwe strument legali tal-Unjoni kien fis-seħħ fil-5 ta' Jannar 2015; u

(2) ikun disponibbli fid-data li tista' titfittex b'mod elettroniku miżmuma mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti.

TAQSIMA II

REKWIŻITI ĠENERALI TA' DILIĠENZA DOVUTA

A. Kont jibda jiġi ttrattat bħala Kont Rapportabbli fid-data li jiġi identifikat bħala tali skont il-proċeduri ta' diliġenza dovuta fit-Taqsimiet II sa VII u, sakemm mhux previst mod ieħor, informazzjoni fir-rigward ta' Kont Rapportabbli għandha tiġi rapportata annwalment fis-sena kalendarja ta' wara s-sena li għaliha tirreferi l-informazzjoni.

B. Il-bilanċ jew il-valur ta' kont jiġi ddeterminat fl-aħħar jum tas-sena kalendarja jew perijodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor.

C. Fejn livell ta' bilanċ jew valur irid jiġi ddeterminat fl-aħħar jum ta' sena kalendarja, il-bilanċ jew valur rilevanti għandu jiġi ddeterminat fl-aħħar jum tal-perijodu ta' rappurtaġġ li jintemm ma jew fi ħdan dik is-sena kalendarja.

D. Kull Stat Membru jista' jippermetti lill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti li jużaw fornituri ta' servizz biex jissodisfaw l-obbligi ta' rappurtaġġ u diliġenza dovuta imposti fuq tali Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti, kif ikkontemplati fil-liġi domestika, iżda dawn l-obbligi għandhom jibqgħu ir-responsabbiltà tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti.

E. Kull Stat Membru jista' jippermetti lill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti li japplikaw il-proċeduri ta' diliġenza dovuta għall-Kontijiet Ġodda lil Kontijiet Preeżistenti, u l-proċeduri ta' diliġenza dovuta għal Kontijiet ta' Valur Għoli lil Kontijiet ta' Valur Aktar Baxx. Fejn Stat Membru jippermetti proċeduri ta' diliġenza dovuta ta' Kont Ġdid biex jintużaw għal Kontijiet Preeżistenti, ikomplu japplikaw ir-regoli applikabbli għal Kontijiet Preeżistenti.

TAQSIMA III

DILIĠENZA DOVUTA GĦAL KONTIJIET INDIVIDWALI PREEŻISTENTI

A. Introduzzjoni. Il-proċeduri li ġejjin japplikaw għal finijiet ta' identifikar ta' Kontijiet Rapportabbli fost il-Kontijiet Individwali Preeżistenti.

B. Kontijiet ta' Valur Aktar Baxx. Il-proċeduri li ġejjin japplikaw fir-rigward ta' Kontijiet ta' Valur Aktar Baxx.

1. Indirizz tar-Residenza. Jekk l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti jkollha fir-rekords tagħha indirizz tar-residenza attwali għad-Detentur ta' Kont individwali bbażat fuq Evidenza Dokumentata, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tista' tittratta lid-Detentur ta' Kont individwali bħala resident għal finijiet ta' taxxa tal-Istat Membru jew ġurisdizzjoni oħra li fiha jkun jinsab l-indirizz għal finijiet ta' determinazzjoni jekk it-tali Detentur ta' Kont individwali jkunx Persuna Rapportabbli.

2. Tiftix Elettroniku ta' Rekords. Jekk l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma tiddependix fuq indirizz ta' residenza attwali għad-Detentur ta' Kont individwali bbażat fuq Evidenza Dokumentarja kif stipulat fil-punt B(1), l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha teżamina data li tista' titfittex b'mod elettroniku miżmuma mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għal kwalunkwe mill-indicium li ġejja u tapplika l-punti B(3) sa (6):

   (a) identifikazzjoni tad-Detentur ta' Kont bħala resident ta' Stat Membru;

   (b) indirizz postali jew ta' residenza attwali (inkluż kaxxa postali) fi Stat Membru;

   (c) numru tat-telefon wieħed jew aktar fi Stat Membru u l-ebda numru tat-telefon fl-Istat Membru tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti;

   (d) struzzjonijiet permanenti (ħlief fir-rigward ta' Kont Depositarju) biex jiġu trasferiti fondi għal kont miżmum fi Stat Membru;

   (e) prokura attwalment effettiva jew awtorità firmatarja mogħtija lil persuna b'indirizz fi Stat Membru; jew

   (f) istruzzjoni ta' "hold mail" jew indirizz ta' "in-care-of" fi Stat Membru jekk l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma jkollha l-ebda indirizz ieħor fir-rekord tagħha għad-Detentur ta' Kont.

3. Jekk l-ebda mill-indicium elenkat fil-punt B(2) ma jiġi skopert fit-tiftixa elettronika, imbagħad l-ebda azzjoni ulterjuri mhija meħtieġa sakemm ikun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi li tirriżulta f'waħda jew aktar mill-indicia li jiġu assoċjati mal-kont, jew il-kont isir Kont ta' Valur Għoli.

4. Jekk kwalunkwe mill-indicium elenkat fil-punt B(2)(a) sa (e) jiġi skopert fit-tiftixa elettronika, jew ikun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi li tirriżulta f'waħda jew aktar indicia li jiġu assoċjati mal-kont, imbagħad l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tittratta d-Detentur ta' Kont bħala resident għal finijiet ta' taxxa ta' kull Stat Membru li għalih ikun ġie identifikat indicium, sakemm ma tagħżilx li tapplika l-punt B(6) u waħda mill-eċċezzjonijiet f'dak il-punt japplika fir-rigward ta' dak il-kont.

5. Jekk struzzjoni ta' "hold mail" jew indirizz ta' "in-care-of" jiġi skopert fit-tiftixa elettronika u l-ebda indirizz ieħor u l-ebda indicium ieħor elenkat fil-punt B(2)(a) sa (e) ma jiġu identifikati għad-Detentur ta' Kont, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tapplika, fl-ordni l-aktar adatta għaċ-ċirkostanzi, tapplika t-tiftixa analoga tar-rekords deskritta fil-punt C(2), jew tfittex li tikseb mingħand id-Detentur ta' Kont awtoċertifikazzjoni jew Evidenza Dokumentarja biex tistabbilixxi r-residenza/i għal finijiet ta' taxxa ta' tali Detentur ta' Kont. Jekk it-tiftixa analoga ma tistabbilixxix indicium u l-attentat ta' ksib tal-awtoċertifikazzjoni jew l-Evidenza Dokumentata ma jkunx suċċess, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tirrapporta l-kont lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tagħha bħala kont mhux dokumentat.

6. Minkejja sejba ta' indicia skont il-punt B(2), Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti mhijiex mitluba tittratta Detentur ta' Kont bħala resident ta' Stat Membru jekk:

   (a) l-informazzjoni dwar id-Detentur ta' Kont fiha indirizz postali jew ta' residenza attwali f'dak l-Istat Membru, numru tat-telefon wieħed jew aktar f'dak l-Istat Membru (u l-ebda numru tat-telefon fl-Istat Membru tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti) jew struzzjonijiet permanenti (fir-rigward ta' Kontijiet Finanzjarji ħlief Kontijiet Depositorji) biex jiġu ttrasferiti fondi għal kont miżmum fi Stat Membru, u l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tikseb, jew eżaminat qabel u żżomm rekord ta':

      (i) awtoċertifikazzjoni mid-Detentur ta' Kont tal-Istat(i) Membru/i jew ġurisdizzjoni(jiet) oħra ta' residenza ta' tali Detentur ta' Kont li ma tinkludix dak l-Istat Membru; u

      (ii) Evidenza Dokumentarja li tistabbilixxi l-istatus nonrapportabbli tad-Detentur ta' Kont;

   (b) l-informazzjoni dwar id-Detentur ta' Kont fiha prokura attwalment effettiva jew awtorità firmatarja mogħtija lil persuna b'indirizz f'dak l-Istat Membru u l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tikseb, jew tkun eżaminata qabel u żżomm rekord ta':

      (i) awtoċertifikazzjoni mid-Detentur ta' Kont tal-Istat(i) Membru/i jew ġurisdizzjoni(jiet) oħra ta' residenza ta' tali Detentur ta' Kont li ma tinkludix dak l-Istat Membru; jew

      (ii) Evidenza Dokumentarja li tistabbilixxi l-istatus nonrapportabbli tad-Detentur ta' Kont.

C. Proċeduri ta' Eżami mtejjeb għal Kontijiet ta' Valur Għoli. Il-proċeduri ta' eżami mtejjeb li ġejjin japplikaw fir-rigward ta' Kontijiet ta' Valur Għoli.

1. Tiftix Elettroniku ta' Rekords. Fir-rigward ta' Kontijiet ta' Valur Għoli, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha teżamina data li tista' titfittex b'mod elettroniku miżmuma mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għal kwalunkwe mill-indicium deskritt fil-punt B(2).

2. Tiftix Analogu tar-Rekords. Jekk id-databases li jistgħu jitfittxu b'mod elettroniku tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti jinkludu oqsma għal, u jaqbdu l-informazzjoni kollha deskritta fil-punt C(3), imbagħad ma tkunx meħtieġa tiftixa analoga ulterjuri tar-rekords. Jekk id-databases elettroniċi ma jaqbdux din l-informazzjoni kollha, imbagħad fir-rigward ta' Kont ta' Valur Għoli, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha teżamina wkoll il-fajl prinċipali attwali tal-klijenti u, sal-punt li ma jinsabx fil-fajl prinċipali attwali tal-klijenti, id-dokumenti li ġejjin assoċjati mal-kont u miksuba mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti fl-aħħar ħames snin għal kwalunkwe mill-indicium deskritt fil-punt B(2):

   (a) l-Evidenza Dokumentata l-aktar reċenti miġbura fir-rigward tal-kont;

   (b) il-kuntratt jew id-dokumentazzjoni ta' ftuħ ta' kont l-aktar reċenti;

   (c) id-dokumentazzjoni l-aktar reċenti miksuba mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti skont il-Proċeduri tal-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus (AML/KYC) jew għal finijiet regolatorji oħra;

   (d) kwalunkwe dokumenti ta' prokura jew ta' awtorità firmatarja attwalment fis-seħħ; u

   (e) kwalunkwe struzzjoni permanenti (ħlief fir-rigward ta' Kont Depositarju) biex jiġu ttrasferiti fondi attwalment fis-seħħ.

3. Eċċezzjoni sal-punt Li Databases Ikun Fihom Informazzjoni Suffiċjenti. Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti mhijiex mitluba twettaq it-tiftixa analoga tar-rekords deskritta fil-punt C(2) sal-punt li l-informazzjoni li tista' titfittex b'mod elettroniku tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tinkludi li ġej:

   (a) l-istatus ta' residenza ta' Detentur ta' Kont;

   (b) l-indirizz postali u l-indirizz ta' residenza ta' Detentur ta' Kont attwalment fir-rekords tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti;

   (c) in-numru(i) tat-telefon ta' Detentur ta' Kont attwalment fir-rekords, jekk ikun hemm, mal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti;

   (d) fil-każ ta' Kontijiet Finanzjarji minbarra Kontijiet Depositarju, jekk ikun hemm struzzjonijiet permanenti biex jiġu ttrasferiti fondi fil-kont għal kont ieħor (inkluż kont f'fergħa oħra tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti jew Istituzzjoni Finanzjarja oħra);

   (e) jekk ikun hemm struzzjoni attwali ta' "in-care-of" jew "hold mail" jew għad-Detentur ta' Kont; u

   (f) jekk ikun hemm kwalunkwe prokura jew awtorità firmatarja għall-kont.

4. Inkjesta tal-Maniġer tal-Kuntatti għall-Għarfien Attwali. Minbarra t-tiftix elettroniku u analogu deskritt fil-punti C(1) u (2), l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tittratta bħala Kont Rapportabbli kwalunkwe Kont ta'

Valur Għoli assenjat lil maniġer tal-kuntatti (inkluż kwalunkwe Kont Finanzjarju aggregat ma' dak il-Kont ta' Valur Għoli) jekk il-maniġer tal-kuntatti jkollu għarfien attwali li d-Detentur ta' Kont ikun Persuna Rapportabbli.

5. Effett ta' Sejbien ta' Indicia.

   (a) Jekk l-ebda mill-indicium elenkat fil-punt B(2) ma jiġi skopert fir-rieżami mtejjeb ta' Kontijiet ta' Valur Għoli deskritt fil-punt C, u l-kont ma jiġix identifikat bħala miżmum minn Persuna Rapportabbli fil-punt C(4), imbagħad ma tkunx meħtieġa azzjoni ulterjuri sakemm ma jkunx hemm bidla fiċ-ċirkostanzi li tirriżulta f'indicium wieħed jew aktar li jiġu assoċjati mal-kont.

   (b) Jekk kwalunkwe indicium elenkat fil-punt B(2)(a) sa (e) jiġi skopert fir-rieżami mtejjeb ta' Kontijiet ta' Valur Għoli deskritt fil-punt C, jew jekk ikun hemm bidla sussegwenti fiċ-ċirkostanzi li tirriżulta f'indicium wieħed jew aktar jiġu assoċjati mal-kont, imbagħad l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli fir-rigward ta' kull Stat Membru li għalih indicium jkun ġie identifikat sakemm ma tagħżilx li tapplika l-punt B(6) u waħda mill-eċċezzjonijiet f'dak il-punt tapplika fir-rigward ta' dak il-kont.

   (c) Jekk struzzjoni ta' "hold mail" jew indirizz ta' "in-care of" jiġi skopert fl-eżami mtejjeb ta' Kontijiet ta' Valur Għoli deskritta fil-punt C, u l-ebda indirizz ieħor u l-ebda indicium ieħor elenkati fil-punti B(2)(a) sa (e) ma jiġu identifikati għad-Detentur ta' Kont, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tikseb minn tali Detentur ta' Kont awtoċertifikazzjoni jew Evidenza Dokumentarja biex tistabbilixxi r-residenza/i għal finijiet ta' taxxa tad-Detentur ta' Kont. Jekk l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma tistax tikseb tali awtoċertifikazzjoni jew Evidenza Dokumentarja, din għandha tirrapporta l-kont lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tagħha bħala kont mhux dokumentat.

6. Jekk Kont Individwali Preeżistenti ma ⊠ kienx ⊠ Kont ta' Valur Għoli fil-31 ta' Diċembru 2015, iżda jsir Kont ta' Valur Għoli fl-aħħar jum ta' sena kalendarja sussegwenti, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tikkompleta l-proċeduri mtejba ta' rieżami deskritti fil-punt C fir-rigward ta' tali kont fis-sena kalendarja wara s-sena li fiha l-kont isir Kont ta' Valur Għoli. Jekk, abbażi ta' dan ir-rieżami tali kont ikun identifikat bħala Kont Rapportabbli, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tirrapporta l-informazzjoni meħtieġa dwar tali kont fir-rigward tas-sena li fiha jkun identifikat bħala Kont Rapportabbli u fis-snin sussegwenti fuq bażi annwali, sakemm id-Detentur tal-Kont ma jibqax Persuna Rapportabbli.

7. Ladarba Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tapplika l-proċeduri mtejba ta' rieżami deskritti fil-punt C għall-Kont ta' Valur Għoli, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma tkunx meħtieġa tapplika mill-ġdid tali proċeduri, minbarra l-inkjesta tal-maniġer għall-kuntatti deskritta fil-punt C(4), għall-istess Kont ta' Valur Għoli fi kwalunkwe sena sussegwenti sakemm il-kont ikun mhux dokumentat f'liema każ l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha terġa' tapplikahom mill-ġdid kull sena sakemm tali kont ma jibqax mhux dokumentat.

8. Jekk ikun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi fir-rigward ta' Kont ta' Valur Għoli li tirriżulta f'wieħed jew aktar mill-indicia deskritti fil-punt B(2) li jkunu qed jiġu assoċjati mal-kont, imbagħad l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli fir-rigward ta' kull Stat Membru li għalih indicium huwa identifikat sakemm ma jagħżilx li japplika l-punt B(6) u waħda mill-eċċezzjonijiet f'dak il-punt tapplika fir-rigward ta' dak il-kont.

9. Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha timplimenta proċeduri biex tiżgura li maniġer tal-kuntatti jidentifika kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi ta' kont. Pereżempju, jekk maniġer tal-kuntatti jiġi nnotifikat li d-Detentur tal-Kont ikollu indirizz postali ġdid fi Stat Membru, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tkun meħtieġa tittratta l-indirizz il-ġdid bħala bidla fiċ-ċirkostanzi u, jekk tagħżel li tapplika l-punt B(6), tkun meħtieġa tikseb d-dokumentazzjoni xierqa mingħand id-Detentur tal-Kont.

D. Kwalunkwe Kont Individwali Preeżistenti li jkun ġie identifikat bħala Kont Rapportabbli taħt din it-Taqsima għandu jkun trattat bħala Kont Rapportabbli fis-snin sussegwenti kollha, sakemm id-Detentur tal-Kont ma jibqax Persuna Rapportabbli.

TAQSIMA IV

DILIĠENZA DOVUTA GĦAL KONTIJIET INDIVIDWALI ĠODDA

Il-proċeduri li ġejjin japplikaw għal finijiet ta' identifikazzjoni ta' Kontijiet Rapportabbli fost Kontijiet Individwali Ġodda.

A. Fir-rigward ta' Kontijiet Individwali Ġodda, malli jinfetaħ il-kont, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tikseb awtoċertifikazzjoni, li tista' tkun parti mid-dokumentazzjoni tal-ftuħ tal-kont, li tippermetti lill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tiddetermina r-residenza/i tad-Detentur tal-Kont għal finijiet ta' taxxa u tikkonferma r-raġonevolezza ta' tali awtoċertifikazzjoni bbażata fuq l-informazzjoni miksuba mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti b'konnessjoni mal-ftuħ tal-kont, inkluża kwalunkwe dokumentazzjoni miġbura skont il-Proċeduri AML/KYC.

B. Jekk l-awtoċertifikazzjoni tistabbilixxi li d-Detentur tal-Kont huwa residenti għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli u l-awtoċertifikazzjoni trid tinkludi wkoll it-TIN tad-Detentur tal-Kont fir-rigward ta' tali Stat Membru (soġġett għall-punt D tat-Taqsima I) u d-data tat-twelid.

C. Jekk ikun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi fir-rigward ta' Kont Individwali Ġdid li tikkawża lill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti li tkun taf, jew li jkollha raġuni biex tkun taf, li l-awtoċertifikazzjoni oriġinali hija żbaljata jew mhux affidabbli, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma tistax tiddependi fuq l-awtoċertifikazzjoni oriġinali u għandha tikseb awtoċertifikazzjoni valida li tistabbilixxi r-residenza(i) għal finijiet ta' taxxa tad-Detentur tal-Kont.

TAQSIMA V

DILIĠENZA DOVUTA GĦAL KONTIJIET TA' ENTITÀ PREEŻISTENTI

Il-proċeduri li ġejjin japplikaw għal finijiet ta' identifikazzjoni ta' Kontijiet Rapportabbli fost il-Kontijiet ta' Entità Preeżistenti.

A. Kontijiet ta' Entità Mhux Meħtieġa li Jiġu Eżaminati, Identifikati jew Rappurtati. Sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma tiddeċidix mod ieħor, jew fir-rigward tal-Kontijiet ta' Entità Preeżistenti kollha jew, separatament, fir-rigward ta' kwalunkwe grupp identifikat b'mod ċar ta' tali kontijiet, Kont ta' Entità Preeżistenti b'bilanċ tal-kont aggregat jew valur li ma ⌦ qabiżx ⌫, fil-31 ta' Diċembru 2015, ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 250 000, mhuwiex meħtieġ li jiġi rieżaminat, identifikat, jew rappurtat bħala Kont Rapportabbli sakemm il-bilanċ tal-kont aggregat jew il-valur ma jaqbiżx dak l-ammont mill-aħħar jum ta' kwalunkwe sena kalendarja.

B. Kontijiet ta' Entità soġġetti għal Eżami. Kont ta' Entità Preeżistenti li għandu bilanċ tal-kont jew valur aggregat li ⌦ qabeż ⌫, mill-31 ta' Diċembru 2015, ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 250 000, u Kont ta' Entità Preeżistenti li ma ⌦ qabiżx ⌫, fil-31 ta' Diċembru 2015, dak l-ammont iżda l-bilanċ tal-kont jew il-valur aggregat jaqbeż tali ammont mill-aħħar jum ta' kwalunkwe sena kalendarja sussegwenti, għandhom jiġu eżaminati skont il-proċeduri stipulati fil-punt D.

C. Kontijiet ta' Entità li fir-Rigward Tagħhom Hu Meħtieġ Rappurtar. Fir-rigward tal-Kontijiet ta' Entità Preeżistenti deskritti fil-punt B, huma biss dawk il-kontijiet li huma miżmuma minn Entità waħda jew aktar li huma Persuni Rapportabbli, jew minn NFEs Passivi bi Persuna Kontrollanti waħda jew aktar li jkunu Persuni Rapportabbli, għandhom jiġu ttrattati bħala Kontijiet Rapportabbli.

D. Proċeduri ta' Rieżami biex jiġu Identifikati Kontijiet tal-Entità li fir-Rigward Tagħhom Hu Meħtieġ Rappurtar. Għall-Kontijiet ta' Entità Preeżistenti deskritti fil-punt B, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tapplika l-proċeduri ta' eżami li ġejjin biex ikun ddeterminat jekk il-kont huwiex miżmum minn Persuna Rapportabbli waħda jew aktar, jew minn NFEs Passivi bi Persuna Kontrollanti waħda jew aktar li jkunu Persuni Rapportabbli:

1. Tiddetermina Jekk l-Entità Tkunx Persuna Rapportabbli.

   (a) L-informazzjoni tal-eżami li tinżamm għal finijiet regolatorji jew ta' kuntatti mal-klijent (inkluża informazzjoni miġbura skont il-proċeduri AML/KYC) biex jiġi determinat jekk l-informazzjoni tindikax li d-Detentur tal-Kont huwiex residenti fi Stat Membru. Għal dan il-għan, l-informazzjoni li tindika li d-Detentur ta' Kont ikun residenti fi Stat Membru tinkludi post ta' inkorporazzjoni jew organizzazzjoni, jew indirizz fi Stat Membru.

   (b) Jekk l-informazzjoni tindika li d-Detentur ta' Kont ikun residenti fi Stat Membru, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli sakemm ma tiksibx awtoċertifikazzjoni mid-Detentur tal-Kont, jew b'mod raġonevoli tiddetermina abbażi tal-informazzjoni li jkollha jew li tkun pubblikament disponibbli, li d-Detentur tal-Kont mhuwiex Persuna Rapportabbli.

2. Tiddetermina Jekk l-Entità tkunx NFE Passiva b'Persuna Kontrollanti Waħda jew Aktar li Jkunu Persuni Rapportabbli. Fir-rigward ta' Detentur ta' Kont ta' Entità Preeżistenti (inkluż Entità li tkun Persuna Rapportabbli), l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tiddetermina jekk id-Detentur tal-Kont huwiex NFE Passiva bi Persuna Kontrollanti waħda jew aktar li jkunu Persuni Rapportabbli. Jekk kwalunkwe waħda mill-Persuni Kontrollanti ta' NFE Passiva tkun Persuna Rapportabbli, il-kont għandu jiġi ttrattat bħala Kont Rapportabbli. Meta tagħmel dawn id-determinazzjonijiet l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha ssegwi l-gwida fil-punt (a), (b) u (c) fl-ordni l-aktar adatta skont iċ-ċirkustanzi.

   (a) Jiġi ddeterminat jekk id-Detentur tal-Kont ikunx NFE Passiva. Għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar jekk id-Detentur tal-Kont ikunx NFE Passiva, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tikseb awtoċertifikazzjoni mingħand id-Detentur tal-Kont biex jiġi stabbilit l-istatus tiegħu, sakemm ma tiddeterminax b'mod raġonevoli abbażi ta' informazzjoni fil-pussess tagħha jew li tkun pubblikament disponibbli, li d-Detentur tal-Kont ikun NFE Attiva jew Istituzzjoni Finanzjarja li ma tkunx Entità tal-Investiment deskritta fil-punt A(6)(b) tat-Taqsima VIII li ma tkunx Istituzzjoni Finanzjarja ta'Ġurisdizzjoni Parteċipanti.

   (b) Jiġu determinati l-Persuni Kontrollanti ta' Detentur tal-Kont. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-Persuni Kontrollanti ta' Detentur tal-Kont, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tista' toqgħod fuq l-informazzjoni miġbura u miżmuma skont il-Proċeduri AML/KYC.

   (c) Jiġi determinat jekk Persuna Kontrollanti ta' NFE Passiva tkunx Persuna Rapportabbli. Għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar jekk Persuna Kontrollanti ta' NFE Passiva tkunx Persuna Rapportabbli, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tista' toqgħod fuq:

      (i) informazzjoni miġbura u miżmuma skont il-Proċeduri AML/KYC fil-każ ta' Kont ta' Entità Preeżistenti miżmum minn NFE waħda jew aktar bi bilanċ tal-kont jew tal-valur aggregat li ma jaqbiżx ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 1 000 000; jew

      (ii) awtoċertifikazzjoni mid-Detentur tal-Kont jew tali Persuna Kontrollanti tal-Istat(i) Membru(i) jew ġurisdizzjoni(jiet) oħra fejn il-Persuna Kontrollanti tkun residenti għall-finijiet ta' taxxa.

E. L-għażla ta' żmien tar-Rieżami u Proċeduri Addizzjonali Applikabbli għall-Kontijiet tal-Entità Preeżistenti

   1. L-eżami ta' Kontij iet ta' Entità Preeżistenti b'bilanċ tal-kont jew valur aggregat li ma ja ⌦ qabiżx ⌫, fil-31 ta' Diċembru 2015, ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 250 000 iżda jaqbeż dak l-ammont mill-31 ta' Diċembru ta' sena sussegwenti, irid jitlesta fis-sena kalendarja ta' wara s-sena kalendarja li fiha l-bilanċ tal-kont jew valur aggregat jaqbeż tali ammont.

   2. Jekk ikun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi fir-rigward ta' Kont ta' Entità Preeżistenti li tikkawża lill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti li tkun taf, jew ikollha raġuni li tkun taf, li l-awtoċertifikazzjoni jew dokumentazzjoni oħra assoċjata ma' kont hija żbaljata jew mhux

affidabbli, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tiddetermina mill-ġdid l-istatus tal-kont skont il-proċeduri stipulati iktar 'il quddiem fil-punt D.

TAQSIMA VI

DILIĠENZA DOVUTA GĦAL KONTIJIET TA' ENTITÀ ĠODDA

Il-proċeduri li ġejjin japplikaw għal finiijiet ta' identifikazzjoni ta' Kontijiet Rapportabbli fost il-Kontijiet ta' Entità Ġodda.

Proċeduri ta' Rieżami biex jiġu Identifikati Kontijiet tal-Entità li fir-Rigward Tagħhom Hu Meħtieġ Rappurtar. Għal Kontijiet ta' Entità Ġodda, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tapplika dawn il-proċeduri ta' eżami li ġejjin biex jiġi determinat jekk il-kont ikunx miżmum minn Persuna Rapportabbli waħda jew aktar, jew minn NFEs Passivi b'Persuna Kontrollanti waħda jew aktar li jkunu Persuni Rapportabbli:

1. Tiddetermina Jekk l-Entità Tkunx Persuna Rapportabbli.

   (a) Tikseb awtoċertifikazzjoni, li tista' tkun parti mid-dokumentazzjoni għall-ftuħ tal-kont, li biha l-Istituzzjoni finanzjarja Rapportanti tkun tista' tiddetermina r-residenza(i) tad-Detentur tal-Kont għal finijiet ta' taxxa u tikkonferma r-raġonevolezza ta' tali awtoċertifikazzjoni abbażi tal-informazzjoni miksuba mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti b'rabta mal-ftuħ tal-kont, inkluż kwalunkwe dokumentazzjoni miġbura skont il-Proċeduri AML/KYC. Jekk l-entità tiċċertifika li ma għandha l-ebda residenza għal finijiet ta' taxxa, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tista' toqgħod fuq l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tal-Entità biex tiġi determinata r-residenza tad-Detentur tal-Kont.

   (b) Jekk l-awtoċertifikazzjoni tindika li d-Detentur ta' Kont ikun residenti fi Stat Membru, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tittratta l-kont bħala Kont Rapportabbli, sakemm hija raġonevolment tiddetermina abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħha jew li jkun disponibbli għall-pubbliku li d-Detentur tal-Kont ma jkunx Persuna Rapportabbli fir-rigward ta' tali Stat Membru.

2. Tiddetermina Jekk l-Entità tkunx NFE Passiva bi Persuna Kontrollanti Waħda jew Aktar li Jkunu Persuni Rapportabbli. Fir-rigward ta' Detentur ta' Kont ta' Entità Ġdid (inkluż Entità li tkun Persuna Rapportabbli), l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tiddetermina jekk id-Detentur tal-Kont huwiex NFE Passiva bi Persuna Kontrollanti waħda jew aktar li jkunu Persuni Rapportabbli. Jekk kwalunkwe waħda mill-Persuni Kontrollanti ta' NFE Passiva tkun Persuna Rapportabbli, il-kont għandu jiġi ttrattat bħala Kont Rapportabbli. Meta tagħmel dawn id-determinazzjonijiet l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha ssegwi l-gwida fil-punti (a), (b) u (c) fl-ordni l-aktar adatta skont iċ-ċirkustanzi.

   (a) Jiġi ddeterminat jekk id-Detentur tal-Kont ikunx NFE Passiva. Għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar jekk id-Detentur tal-Kont ikunx NFE Passiva, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha toqgħod fuq awtoċertifikazzjoni mingħand id-Detentur tal-Kont biex jiġi stabbilit l-istatus tiegħu, sakemm ma jkollhiex informazzjoni fil-pussess tagħha jew li tkun pubblikament disponibbli, li abbażi tagħha tista' raġonevolment tiddetermina li d-Detentur tal-Kont ikun NFE Attiva jew Istituzzjoni Finanzjarja li ma tkunx Entità tal-

Investiment deskritta fil-punt A(6)(b) tat-Taqsima VIII li ma tkunx Istituzzjoni Finanzjarja tal-Ġurisdizzjoni Parteċipanti.

(b) Jiġu determinati l-Persuni Kontrollanti ta' Detentur tal-Kont. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-Persuni Kontrollanti ta' Detentur tal-Kont, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tista' toqgħod fuq l-informazzjoni miġbura u miżmuma skont il-Proċeduri AML/KYC.

(c) Jiġi determinat jekk Persuna Kontrollanti ta' NFE Passiva tkunx Persuna Rapportabbli. Għal finijiet ta' determinazzjoni dwar jekk Persuna Kontrollanti ta' NFE Passiva tkunx Persuna Rapportabbli, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tista' toqgħod fuq awtoċertifikazzjoni mingħand id-Detentur tal-Kont jew tali Persuna Kontrollanti.

TAQSIMA VII

REGOLI TA' DILIĠENZA DOVUTA SPEĊJALI

Ir-regoli addizzjonali li ġejjin japplikaw fl-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta deskritti hawn fuq:

A. Dipendenza fuq Awtoċertifikazzjonijiet u Evidenza Dokumentata. Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma tistax toqgħod fuq l-awtoċertifikazzjoni jew l-Evidenza Dokumentata jekk l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tkun taf jew għandha raġuni biex tkun taf li l-awtoċertifikazzjoni jew l-Evidenza Dokumentata hija żbaljata jew mhux affidabbli.

B. Proċeduri alternattivi għal Kontijiet Finanzjarji Miżmuma minn Benefiċjarji Individwali ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità u għal Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus ta' Grupp jew Kuntratt ta' Annwalità ta' Grupp. Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tista' tippreżumi li benefiċjarju individwali (għajr is-sid) ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità li jirċievi benefiċċju tal-mewt ma jkunx Persuna Rapportabbli u tista' tittratta tali Kont Finanzjarju bħala differenti minn Kont Rapportabbli sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ikollha għarfien dwar il-fatt, jew ikollha raġuni biex tkun taf, li l-benefiċjarju jkun Persuna Rapportabbli. Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti jkollha raġuni biex tkun taf li benefiċjarju ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità jkun Persuna Rapportabbli jekk l-informazzjoni miġbura mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti u assoċjata mal-benefiċjarju jkun fiha indicia kif deskritt fil-punt B tat-Taqsima III. Jekk Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tkun attwalment taf, jew ikollha raġuni biex tkun taf, li l-benefiċjarju jkun Persuna Rapportabbli, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha ssegwi l-proċeduri fil-punt B tat-Taqsima III.

Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tista' tittratta Kont Finanzjarju li jkun l-interess ta' membru f'Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus ta' Grupp jew Kuntratt ta' Annwalità ta' Grupp bħala Kont Finanzjarju li ma jkunx Kont Rapportabbli qabel id-data li fiha jkun pagabbli ammont lill-impjegat/id-detentur taċ-ċertifikat jew il-benefiċjarju, jekk il-Kont Finanzjarju li jkun l-interess ta' membru f'Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus ta' Grupp jew Kuntratt ta' Annwalità ta' Grupp jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus ta' Grupp jew Kuntratt ta' Annwalità jinħareġ lil impjegatur u jkopri 25 impjegat/detentur taċ-ċertifikat jew aktar;

(ii) l-impjegat/id-detenturi ta' ċertifikat huma intitolati jirċievu kwalunkwe valur tal-kuntratt relatat mal-interessi tagħhom u jinnominaw benefiċjarji għall-benefiċċju pagabbli mal-mewt tal-impjegat; u

(iii) l-ammont aggregat pagabbli lil kwalunkwe impjegat/detentur taċ-ċertifikat jew benefiċjarju ma jaqbiżx ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 1 000 000.

It-terminu "Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus ta' Grupp" ifisser Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus li (i) jipprovdi kopertura għal individwi li jkunu affiljati permezz ta' impjegatur, assoċjazzjoni kummerċjali, union tal-ħaddiema, jew assoċjazzjoni jew grupp ieħor; u (ii) jimponi primjum fuq kull membru tal-grupp (jew membru ta' klassi fi ħdan grupp) li jkun determinat bla ma jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi individwali tas-saħħa għajr l-età, is-sess, u d-drawwiet tat-tipjip ta' membru (jew klassi ta' membri) tal-grupp.

It-terminu "Kuntratt ta' Annwalità ta' Grupp" ifisser Kuntratt ta' Annwalità li taħtu l-interessati huma individwi li jkunu affiljati permezz ta' impjegatur, assoċjazzjoni kummerċjali, union tal-ħaddiema, jew assoċjazzjoni jew grupp ieħor.

C. Aggregat tal-Bilanċ tal-Kont u Regoli tal-Munita

1. Aggregat ta' Kontijiet Individwali. Għall-finijiet biex jiġi determinat il-bilanċ jew il-valur aggregat ta' Kontijiet Finanzjarji miżmuma minn individwu, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti hi meħtieġa li tiġbor flimkien il-Kontijiet Finanzjarji kollha miżmuma mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti, jew minn Entità Relatata, iżda biss sal-punt li s-sistemi kompjuterizzati tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti jkollhom konnessjoni mal-Kontijiet Finanzjarji permezz ta' referenza għal element ta' data bħal numru tal-klijent jew TIN, u jippermettu li l-bilanċi jew il-valuri tal-kont jiġu aggregati. Kull detentur ta' Kont Finanzjarju miżmum konġuntament għandu jiġi attribwit l-bilanċ jew il-valur totali tal-Kont Finanzjarju miżmum konġuntament għall-fini li jiġu applikati r-rekwiżiti ta' aggregazzjoni deskritti f'dan il-punt.

2. Aggregazzjoni tal-Kontijiet ta' Entità. Għall-finijiet biex jiġi determinat il-bilanċ jew il-valur aggregat ta' Kontijiet Finanzjarji miżmuma minn Entità, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti hi meħtieġa li tikkunsidra l-Kontijiet Finanzjarji kollha miżmuma mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti, jew minn Entità Relatata, iżda biss sal-punt li s-sistemi kompjuterizzati tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti jkollhom konnessjoni mal-Kontijiet Finanzjarji permezz ta' referenza għal element ta' data bħal numru tal-klijent jew TIN, u jippermettu li l-bilanċi jew il-valuri tal-kont jiġu aggregati. Kull detentur ta' Kont Finanzjarju miżmum konġuntament għandu jiġi attribwit il-

bilanċ jew il-valur totali tal-Kont Finanzjarju miżmum konġuntament għall-fini li jiġu applikati r-rekwiżiti ta' aggregazzjoni deskritti f'dan il-punt.

3. Regola ta' Aggregazzjoni Speċjali Applikabbli għal Maniġers tal-Kuntatti. Għall-finijiet biex jiġi determinat il-bilanċ jew il-valur aggregat ta' Kontijiet Finanzjarji miżmuma minn persuna biex ikun determinat jekk kont finanzjarju huwiex Kont ta' Valur Għoli, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti hi meħtieġa wkoll, fil-każ ta' kwalunkwe Kont Finanzjarju li dwaru maniġer tal-kuntatti jkun jaf jew ikollu raġuni biex ikun jaf, li dan ikun direttament jew indirettament jappartjeni lil, ikkontrollat, jew stabbilit (ħlief f'kapaċità fiduċjarja) mill-istess persuna, biex jiġbor flimkien dawn il-kontijiet kollha.

4. Ammonti Moqrija bħala li Jinkludu l-Ekwivalenti f'Muniti Oħra. L-ammonti kollha denominati fil-munita domestika ta' kull Stat Membru għandhom jinqraw li jinkludu ammonti ekwivalenti f'muniti oħrajn, kif iddeterminat mil-liġi domestika.

TAQSIMA VIII

TERMINI MFISSRA

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom it-tifsiriet stipulati hawn taħt:

A. Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti

1. It-terminu "Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti" jfisser kwalunkwe Istituzzjoni Finanzjarja ta' Stat Membru li mhijiex Istituzzjoni Finanzjarja Nonrapportanti. It-terminu "Istituzzjoni Finanzjarja ta' Stat Membru" jfisser (i) kwalunkwe Istituzzjoni Finanzjarja li tkun residenti fi Stat Membru, iżda jeskludi kwalunkwe fergħa ta' dik l-Istituzzjoni Finanzjarja li ma tinsabx f'dak l-Istat Membru, u (ii) kwalunkwe fergħa ta' Istituzzjoni Finanzjarja li ma tkunx residenti fi Stat Membru, jekk dik il-fergħa tkun tinsab f'dak l-Istat Membru.

2. It-terminu "Istituzzjoni Finanzjarja Parteċipanti tal-Ġurisdizzjoni" jfisser (i) kwalunkwe Istituzzjoni Finanzjarja li hija residenti f'Ġurisdizzjoni Parteċipanti, iżda jeskludi kwalunkwe fergħa ta' dik l-Istituzzjoni Finanzjarja li ma tinsabx barra dik il-Ġurisdizzjoni Parteċipanti, u (ii) kwalunkwe fergħa ta' Istituzzjoni Finanzjarja li mhijiex residenti f'Ġurisdizzjoni Parteċipanti, jekk dik il-fergħa tkun tinsab f'dik il-Ġurisdizzjoni Parteċipanti.

3. It-terminu "Istituzzjoni Finanzjarja" jfisser Istituzzjoni ta' Kustodja, Istituzzjoni Depożitorja, Entità ta' Investiment, jew Kumpannija tal-Assigurazzjoni Speċifika.

4. It-terminu "Istituzzjoni ta' Kustodja" jfisser kwalunke Entità li tippossjedi, bħala porzjon sostanzjali tan-negozju tagħha, Assi Finanzjarji akkont ta' oħrajn. Entità li żżomm Assi Finanzjarji akkont ta' oħrajn bħala porzjon sostanzjali tan-negozju tagħha jekk l-introjtu gross tal-Entità attribwibbli għaż-żamma ta' Assi Finanzjarji u servizzi finanzjarji relatati jkun ugwali jew jaqbeż l-20 % tal-introjtu gross tal-Entità matul l-iqsar wieħed minn: (i) il-perijodu ta' tliet snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru (jew l-aħħar jum ta' perijodu tal-kontabilità ta' sena mhux kalendarja) qabel is-sena li fiha ssir id-determinazzjoni; jew (ii) il-perijodu li matulu l-Entità tkun ilha teżisti.

5. It-terminu “Istituzzjoni Depożitorja” jfisser kwalunkwe Entità li taċċetta depożiti fil-kors ordinarju tan-negozju bankarju jew wieħed simili.

6. It-terminu “Entità tal-Investiment” ifisser kwalunkwe entità:

   (a) li primarjament twettaq bħala negozju wieħed jew aktar mill-attivitajiet jew operazzjonijiet li ġejjin għal jew f'isem klijent:

      (i) kummerċ fi strumenti tas-suq monetarju (ċekkijiet, kambjali, ċertifikati tad-depożitu, derivati, eċċ.); kambju barrani, kambju, rati tal-interess u strumenti tal-indiċi; titoli trasferibbli; jew negozju fi futures tal-komoditajiet;

      (ii) ġestjoni individwali jew kollettiva tal-portafoll; jew

      (iii) inkella investiment, amministrar, jew maniġġar ta' Assi Finanzjarji jew flus f'isem persuni oħra;

      jew

   (b) li l-introjtu gross tiegħu huwa primarjament attribwibbli għal investiment, investiment mill-ġdid, jew negozju f'Assi Finanzjarji, jekk l-Entità hija ġestita minn Entità oħra li tkun Istituzzjoni Depożitorja, Istituzzjoni ta' Kustodja, Kumpannija tal-Assigurazzjoni Speċifikata, jew Entità tal-Investiment kif deskritt fil-punt A(6)(a).

Entità tiġi trattata bħala li tkun qed primarjament tmexxi bħala negozju waħda jew aktar mill-attivitajiet tagħha deskritti fil-punt A(6)(a), jew introjtu gross ta' Entità jiġi primarjament attribwibbli għal investiment, investiment mill-ġdid, jew negozju f'Assi Finanzjarji għall-finijiet tal-punt A(6)(b), jekk l-introjtu gross tal-Entità attribwibbli għall-attivitajiet rilevanti jkun ugwali jew jaqbeż il-50 % tal-introjtu gross tal-Entità matul l-iqsar wieħed minn: (i) il-perijodu ta' tliet snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena li fiha ssir id-determinazzjoni; jew (ii) il-perijodu li matulu l-Entità tkun ilha teżisti. It-terminu “Entità tal-Investiment” ma jinkludix Entità li tkun NFE Attiva għaliex dik l-Entità tissodisfa kwalunkwe kriterju fil-punt D(8)(d) sa (g).

Dan il-punt għandu jkun interpretat b'mod li jkun konsistenti ma' lingwaġġ simili stipulat fid-definizzjoni ta' “istituzzjoni finanzjarja” fir-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force għal Azzjoni Finanzjarja.

7. It-terminu “Ass Finanzjarju” jinkludi titolu (pereżempju, sehem minn stokk f'korporazzjoni; sħubija jew interess benefiċjarju titolari fi sħubija jew fiduċjarja korporattiva miżmuma b'mod wiesa' jew innegozjata pubblikament; kambjala, bond, obbligazzjoni, jew evidenza oħra ta' pożizzjoni ta' dejn), interess fi sħubija, prodotti, swap (pereżempju, swaps tar-rata ta' interess, swaps ta' munita, basis swaps, caps fuq ir-rati ta' imgħax, rati ta' imgħax minimi (interest rate floors), swaps ta' komoditajiet, swaps ta' ekwità, swaps tal-indiċi ta' ekwità, u ftehimiet simili), Kuntratt tal-Assigurazzjoni jew Kuntratt ta' Annwalità, jew kwalunkwe interess (inklużi futures jew kuntratt jew opzjoni forward) f'titolu, interess fi sħubija, prodott, swap, Kuntratt tal-Assigurazzjoni, jew Kuntratt ta' Annwalità. It-terminu “Assi Finanzjarju” ma jinkludix interess dirett mingħajr dejn fi proprjetà immobbli.

8. It-terminu “Kumpanija Speċifikata tal-Assigurazzjoni” jfisser Entità li tkun kumpanija tal-assigurazzjoni (jew il-kumpanija holding ta' kumpanija tal-

assigurazzjoni) li toħroġ, jew li tkun obbligata tagħmel pagamenti fir-rigward ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità.

B. Istituzzjoni Finanzjarja Nonrapportanti

1. It-terminu "Istituzzjoni Finanzjarja Nonrapportanti" jfisser kwalunkwe Istituzzjoni Finanzjarja li tkun:

   (a) entità governattiva, Organizzazzjoni Internazzjonali jew Bank Ċentrali, ħlief fir-rigward ta' pagament li huwa derivat minn obbligu li jkun hemm f'konnessjoni ma' attività finanzjarja kummerċjali tat-tip li tkun attiva fiha Kumpanija Speċifikata tal-Assigurazzjoni, Istituzzjoni ta' Kustodja, jew Istituzzjoni Depożitorja;

   (b) fond għall-Irtirar bi Parteċipazzjoni Wiesgħa; Fond għall-Irtirar bi Parteċipazzjoni Limitata; Fond għall-Pensjonijiet ta' Entità Governattiva, Organizzazzjoni Internazzjonali jew Bank Ċentrali; jew Emittent Kwalifikat tal-Karti ta' Kreditu;

   (c) kwalunkwe Entità oħra li tippreżenta riskju baxx li tintuża biex tevadi t-taxxa, ikollha karatteristiċi sostanzjalment simili għal kwalunkwe waħda mill-Entitajiet deskritti fil-punti B(1)(a) u (b), u tkun inkluża fil-lista ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji Nonrapportanti msemmija fl-Artikolu 8(7) ta' din id-Direttiva, sakemm l-istatus ta' tali Entità bħala Istituzzjoni Finanzjarja Nonrapportanti ma tiffrustrax l-għanijiet ta' din id-Direttiva;

   (d) mezz Kollettiv ta' Investiment Eżentat; jew

   (e) trust sal-punt li l-fiduċjarju tat-trust tkun Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti u tirrapporta l-informazzjoni kollha meħtieġa li tiġi rappurtata skont it-Taqsima I fir-rigward tal-Kontijiet Rapportabbli kollha tat-trust.

2. It-terminu "Entità Governattiva" jfisser il-gvern ta' Stat Membru jew ġurisdizzjoni oħra, kwalunkwe suddiviżjoni politika ta' Stat Membru jew ġurisdizzjoni oħra (li, biex jiġi evitat id-dubju, jinkludi stat, provinċja, kontea, jew muniċipalità), jew kwalunkwe aġenzija jew mezz strumentali b'appartenenza totali ta' Stat Membru jew ġurisdizzjoni oħra jew ta' kwalunkwe wieħed jew iktar ta' dan ta' qabel (kull waħda minnhom, "Entità Governattiva"). Din il-kategorija hi magħmula mill-partijiet integrali, l-entitajiet ikkontrollati, u s-suddiviżjonijiet politiċi ta' Stat Membru jew ġurisdizzjoni oħra.

   (a) "Parti integrali" ta' Stat Membru jew ġurisdizzjoni oħra tfisser kwalunkwe persuna, organizzazzjoni, aġenzija, bureau, fond, strument, jew korp ieħor, jissemma kif jissemma, li tikkostitwixxi awtorità governattiva ta' Stat Membru jew ġurisdizzjoni oħra. Il-qligħ nett tal-awtorità governattiva għandu jiġi akkreditat lill-kont proprju jew kontijiet oħra tal-Istat Membru jew ġurisdizzjoni oħra, u ebda sehem ma għandu jkun għall-benefiċċju ta' xi persuna privata. Parti integrali ma tinkludix xi individwu li huwa sovran, uffiċjal, jew amministratur li jaġixxi f'kapaċità privata jew personali.

(b) “Entità kkontrollata” tfisser Entità li hija separata fil-forma minn Stat Membru jew ġurisdizzjoni oħra jew li inkella tikkostitwixxi entità ġuridika separata, dment li:

(i) l-Entità tappartjeni kompletament u hija kkontrollata minn Entità Governattiva waħda jew aktar direttament jew minn entità kkontrollata waħda jew aktar;

(ii) il-qligħ nett tal-Entità jkunu akkreditati fil-kont proprju jew fil-kontijiet ta' Entità Governattivawaħda jew aktar, u ebda sehem tal-introjtu tagħha ma għandu jkun għall-benefiċċju ta' xi persuna privata; u

(iii) mal-likwidazzjoni, l-assi tal-Entità huma vestiti f'Entità Governattiva waħda jew aktar.

(c) L-introjtu ma jkunx għall-benefiċċju ta' persuni privati jekk tali persuni jkunu l-benefiċjarji intenzjonati ta' programm governattiv, u l-attivitajiet tal-programm jitwettqu għall-pubbliku inġenerali fir-rigward tal-benessri komuni jew jirrigwardaw l-amministrazzjoni ta' xi faži tal-gvern., Minkejja dan ta' hawn fuq, l-introjtu jitqies li jkun għall-benefiċċju ta' persuni privati jekk l-introjtu jkun derivat mill-użu ta' Entità Governattiva biex tmexxi negozju kummerċjali, bħal negozju bankarju kummerċjali, li jipprovdi servizzi finanzjarji lil persuni privati.

3. It-terminu “Organizzazzjoni Internazzjonali” jfisser kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali jew aġenzija akkwiżita totalment jew mezz strumentali tagħha. Din il-kategorija tinkludi organizzazzjoni intergovernattiva (inkluża organizzazzjoni supranazzjonali) (i) li hi primarjament magħmula minn gvernijiet; (ii) li għandha fil-fatt kwartieri ġenerali jew ftehim sostanzjalment simili mal-Istat Membru; u (iii) li l-introjtu tagħha ma jkunx għall-benefiċċju ta' persuni privati.

4. It-terminu “Bank Ċentrali” jfisser istituzzjoni li hija bil-liġi jew sanzjoni tal-gvern l-awtorità prinċipali, minbarra l-gvern tal-Istat Membru stess, li toħroġ strumenti maħsuba biex jiċċirkolaw bħala munita. Tali istituzzjoni tista' tinkludi strument li jkun separat mill-gvern tal-Istat Membru, irrispettivament jekk tkunx akkwiżita totalment jew parzjalment mill-Istat Membru.

5. It-terminu “Fond għall-Irtirar bi Parteċipazzjoni Wiesgħa”jfisser fond stabbilit biex jipprovdi benefiċċji għal irtirar, diżabbiltà, jew mewt, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn, għal benefiċjarji li huma attwalment jew preċedentement impjegati (jew persuni maħtura minn dawn l-impjegati) ta' wieħed jew aktar impjegaturi f'konsiderazzjoni għal servizzi mogħtija, sakemm il-fond:

(a) ma jkollux benefiċjarju wieħed bi dritt għal aktar minn 5 % tal-assi tal-fond;

(b) huwa soġġett għal regolamentazzjoni mill-gvern u jipprovdi informazzjoni ta' rappurtar lill-awtoritajiet tat-taxxa; u

(c) jissodisfa mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-fond ġeneralment huwa eżentat mit-taxxa fuq l-introjtu mill-investiment, jew it-tassazzjoni ta' tali introjtu jkun differit jew

intaxxat b'rata mnaqqsa, minħabba l-istatus tiegħu ta' pjan tal-irtirar jew tal-pensjoni;

(ii) il-fond jirċievi tal-anqas 50 % tat-total ta' kontribuzzjonijiet tiegħu (minbarra trasferimenti ta' assi minn pjanijiet oħra deskritti fil-punt B(5), (6) u (7) jew minn kontijiet ta' rtirar u pensjonijiet deskritti fil-punt C(17)(a)) mill-impjegaturi li jkun qed jisponsorjaw;

(iii) Id-distribuzzjonijiet jew il-ġbid ta' flus mill-fond huma permessi biss meta jseħħu avvenimenti speċifiċi relatati ma' rtirar, diżabbiltà, jew mewt (ħlief distribuzzjonijiet imġedda għal fondi oħrajn tal-irtirar deskritti fil-punt B(5), (6) u (7) jew kontijiet ta' rtirar u pensjonijiet deskritti fil-punt C(17)(a)), jew japplikaw penali għad-distribuzzjonijiet jew ġbid ta' flus li jseħħu qabel tali avvenimenti speċifikati; jew

(iv) il-kontribuzzjonijiet (minbarra ċerti kontribuzzjonijiet make-up li jkunu permessi) mill-impjegati għall-fond huma limitati b'referenza għall-introjtu ggwadanjat tal-impjegat jew ma jistax jaqbeż, annwalment, ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 50 000, bl-applikazzjoni tar-regoli stipulati iktar 'il quddiem fil-punt C tat-Taqsima VII għall-aggregazzjoni tal-kont u tal-qlib tal-munita.

6. It-terminu "Fond għall-Irtirar bi Parteċipazzjoni Limitata" jfisser fond stabbilit biex jipprovdi benefiċċji għal irtirar, diżabbiltà, jew mewt lil benefiċjarji li huma impjegati attwali jew preċedenti (jew persuni maħtura minn dawn l-impjegati) ta' sid wieħed jew aktar f'konsiderazzjoni għal servizzi mogħtija, sakemm:

(a) il-fond ikollu inqas minn 50 parteċipant;

(b) il-fond huwa sponsorjat minn wieħed jew aktar impjegaturi li mhumiex Entitajiet tal-Investiment jew NFEs passivi;

(c) il-kontribuzzjonijiet tal-impjegati u ta' impjegatur għall-fond (għajr trasferimenti ta' assi minn kontijiet ta' rtirar u pensjonijiet deskritti fil-punt C(17)(a)) huma limitati b'referenza għall-introjtu ggwadanjat u l-kumpens tal-impjegati, rispettivament;

(d) il-parteċipanti li mhumiex residenti tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-fond mhumiex intitolati għal aktar minn 20 % tal-assi tal-fond; u

(e) il-fond huwa soġġett għal regolamentazzjoni mill-gvern u jipprovdi informazzjoni ta' rappurtar lill-awtoritajiet tat-taxxa.

7. It-terminu "Fond għall-Pensjonijiet ta' Entità Governattiva, Organizzazzjoni Internazzjonali jew Bank Ċentrali" jfisser fond stabbilit minn Entità Governattiva, Organizzazzjoni Internazzjonali jew Bank Ċentrali għall-provvediment ta' benefiċċji għal irtirar, diżabbiltà, jew mewt lil benefiċjarji jew parteċipanti li huma impjegati attwali jew preċedenti (jew persuni maħtura minn dawn l-impjegati), jew li ma jkunux impjegati attwali jew preċedenti, jekk il-benefiċċji pprovduti lil tali benefiċjarji jew parteċipanti huma b'konsiderazzjoni ta' servizzi personali mwettqa għall-Entità Governattiva, Organizzazzjoni Internazzjonali jew Bank Ċentrali.

8. It-terminu “Emittent Kwalifikat tal-Karti ta' Kreditu” jfisser Istituzzjoni Finanzjarja li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

   (a) l-Istituzzjoni Finanzjarja tkun Istituzzjoni Finanzjarja unikament għaliex tkun emittenti ta' karti tal-kreditu li taċċetta depożiti biss meta konsumatur jagħmel pagament f'eċċess ta' bilanċ dovut fir-rigward tal-karta u l-pagament żejjed ma jiġix immedjatament irritornat lill-klijent; u

   (b) fl-1 ta' Jannar 2016 jew qabel, l-Istituzzjoni Finanzjarja timplimenta linji politiċi u proċeduri jew biex timpedixxi lil klijent milli jagħmel pagament żejjed ogħla minn ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 50 000, jew biex tiżgura li kwalunkwe pagament żejjed ta' klijent ogħla minn dak l-ammont jitħallas lura lill-klijent fi żmien 60 jum, f'kull każ jiġu applikati r-regoli stipulati iktar 'il quddiem fil-punt C tat-Taqsima VII għal aggregazzjoni tal-kontijiet u l-qlib tal-munita. Għal din il-fini, pagament żejjed ta' klijent ma jirreferix għal bilanċi tal-kreditu sal-punt ta' imposti kkontestati iżda jinkludi bilanċi tal-kreditu li jirriżultaw mir-ritorn ta' merkanzija.

9. It-terminu “Mezz Kollettiv ta' Investiment Eżentat” ifisser Entità tal-Investiment li tkun regolata bħala mezz kollettiv ta' investiment, sakemm l-interessi kollha fil-mezz kollettiv ta' investiment huma miżmuma minn jew permezz ta' individwi jew Entitajiet li ma jkunux Persuni Rapportabbli, ħlief NFE Passiva b'Persuni li Jikkontrollaw li jkunu Persuni Rapportabbli.

C. Kont Finanzjarju

1. It-terminu “Kont Finanzjarju” jfisser kont miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja, u jinkludi Kont Depożitorju, Kont ta' Kustodja u:

   (a) fil-każ ta' Entità tal-Investiment, kwalunkwe interess ta' ekwità jew ta' dejn fl-Istituzzjoni Finanzjarja. Minkejja dan ta' hawn fuq, it-terminu “Kont Finanzjarju” ma jinkludi l-ebda interess fuq ekwità jew dejn f'Entità li tkun Entità tal-Investiment sempliċiment minħabba li (i) tagħti pariri dwar l-investiment, u taġixxi f'isem, jew (ii) timmaniġġja portafolji għal klijent u taġixxi f'ismu għall-finijiet ta' investiment, maniġġjar, jew amministrazzjoni ta' Assi Finanzjarji depożitati f'isem il-klijent ma' Istituzzjoni Finanzjarja għajr dik l-Entità;

   (b) fil-każ ta' Istituzzjoni Finanzjarja mhux deskritta fil-punt C(1)(a), kwalunkwe interess ta' ekwità jew ta' dejn fl-Istituzzjoni Finanzjarja, jekk il-klassi ta' interessi kienet stabbilita għall-fini li jiġi evitat ir-rappurtar skont it-Taqsima I; u

   (c) kwalunkwe Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus u kwalunkwe Kuntratt ta' Annwalità maħruġ jew miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja, għajr annwalità immedjata tal-ħajja mhux marbuta ma' investiment u mhux trasferibbli li tinħareġ lil individwu u tiffissal-valur fi flus ta' pensjoni jew benefiċċju ta' diżabbiltà previst taħt kont li jkun Kont Eskluż.

   It-terminu “Kont Finanzjarju” ma jinkludi l-ebda kont li jkun Kont Eskluż.

2. It-terminu “Kont Depożitorju” jinkludi kwalunkwe kont kummerċjali, ta' ċċekkjar, ta' tifdil, fiss, jew thrift, jew kont li huwa evidenzjat minn ċertifikat ta' depożitu, ċertifikat ta' tifdil għall-irtirar, ċertifikat ta' investiment, ċertifikat

ta' dejn, jew strument ieħor simili miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja matul negozju ordinarju bankarju jew wieħed simili. Kont Depożitorju jinkludi wkoll ammont miżmum minn kumpanija tal-assigurazzjoni skont kuntratt ta' investiment garantit jew ftehim simili biex jitħallas jew jiġi akkreditat interess fuqu.

3. It-terminu "Kont ta' Kustodja" jfisser kont (minbarra Kuntratt ta' Assigurazzjoni jew Kuntratt ta' Annwalità) li jkollu Ass Finanzjarju wieħed jew aktar għall-benefiċċju ta' persuna oħra.

4. It-terminu "Interess fuq Ekwità" jfisser, fil-każ ta' sħubija li hija Istituzzjoni Finanzjarja jew interess fuq kapital jew fuq il-qligħ fi sħubija. Fil-każ ta' trust li tkun Istituzzjoni Finanzjarja, interess fuq Ekwità hu meqjus li jkun miżmum minn kwalunkwe persuna ttrattata bħala settlor jew benefiċjarju tat-trust kollha jew ta' parti minnha, jew kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll effettiv aħħari fuq it-trust. Persuna Rapportabbli tiġi ttrattata bħala benefiċjarju ta' trust jekk tali Persuna Rapportabbli jkollha d-dritt li tirċievi direttament jew indirettament (pereżempju, permezz ta' nominat) distribuzzjoni mandatorja jew tista' tirċievi, direttament jew indirettament, distribuzzjoni diskrezzjonarja mit-trust.

5. It-terminu "Kuntratt ta' Assigurazzjoni" jfisser kuntratt (minbarra Kuntratt ta' Annwalità) li taħtu l-emittent jaqbel li jħallas ammont mal-okkorrenza ta' kontinġenza speċifikata li tinvolvi mortalità, morbożità, inċident, responsabbiltà, jew riskju tal-proprjetà.

6. It-terminu "Kuntratt ta' Annwalità" jfisser kuntratt li bih l-emittent jaqbel li jagħmel pagamenti għal perjodu ta' żmien determinat fl-intier jew f'parti b'referenza għall-istennija tal-ħajja ta' individwu wieħed jew aktar. It-terminu jinkludi wkoll kuntratt li huwa meqjus bħala kull Kuntratt ta' Annwalità skont il-liġi, ir-regolament jew il-prattika tal-Istat Membru jew ġurisdizzjoni oħra li fiha l-kuntratt inħareġ, u taħt liema l-emittent jaqbel li jagħmel pagamenti għal terminu ta' snin.

7. It-terminu "Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus" ifisser Kuntratt tal-Assigurazzjoni (minbarra kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' indennizz bejn żewġ kumpanniji tal-assigurazzjoni) li għandu Valur fi Flus.

8. It-terminu "Valur fi Flus" ifisser l-ikbar minn (i) l-ammont li d-detentur tal-polza huwa intitolat li jirċievi meta jiġi ċedut jew terminat il-kuntratt (determinat mingħajr tnaqqis għal kwalunkwe ħlas għaċ-ċediment jew self għall-polza), u (ii) l-ammont li d-detentur tal-polza jista' jissellef taħt jew rigward il-kuntratt. Minkejja dan ta' hawn fuq, it-terminu "Valur fi Flus" ma jinkludix ammont pagabbli skont Kuntratt tal-Assigurazzjoni:

   (a) unikament minħabba l-mewt ta' individwu assigurat taħt kuntratt tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja;

   (b) bħala korriment personali jew benefiċċju tal-mard jew benefiċċju ieħor li jipprovdi indennizz ta' telf ekonomiku mġarrab malli jseħħ l-avveniment kopert mill-assigurazzjoni;

   (c) bħala rifużjoni ta' primjum imħallas qabel (naqqas l-ispiża tal-ħlasijiet tal-assigurazzjoni kemm jekk attwalment imposti jew le) taħt kuntratt tal-Assigurazzjoni (minbarra kuntratt tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbut ma' investiment jew kuntratt ta' annwalità) minħabba kanċellazzjoni jew

terminazzjoni tal-kuntratt, tnaqqis fl-espożizzjoni tar-riskju matul il-perijodu effettiv tal-kuntratt, jew b'riżultat tal-korrezzjoni ta' kollokament jew żball simili rigward il-primjum għall-kuntratt;

(d) bħala dividend ta' dententur tal-polza (minbarra dividend tat-terminazzjoni) sakemm id-dividend jirrigwarda Kuntratt tal-Assigurazzjoni li taħtu l-uniċi benefiċċji pagabbli huma deskritti fil-punt C(8)(b); jew

(e) bħala dħul ta' primjum bil-quddiem jew depożitu tal-primjum għal Kuntratt tal-Assigurazzjoni li għalih il-primjum għandu jitħallas mill-inqas annwalment jekk l-ammont tal-primjum bil-quddiem jew id-depożitu tal-primjum ma jaqbiżx il-primjum annwali li jmiss li ser ikun pagabbli taħt il-kuntratt.

9. It-terminu "Kont Preeżistenti" jfisser:

(a) Kont Finanzjarju miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti mill-31 ta' Diċembru 2015;

(b) kwalunkwe Kont Finanzjarju ta' Detentur tal-Kont, irrispettivament mid-data meta tali Kont Finanzjarju nfetaħ, jekk:

(i) id-Detentur tal-Kont iżomm ukoll mal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti (jew ma' Entità Relatata fl-istess Stat Membru bħall-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti) Kont Finanzjarju li huwa Kont Preeżistenti taħt il-punt C(9)(a);

(ii) l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti (u, kif applikabbli, l-Entità Relatata fl-istess Stat Membru bħall-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti) tittratta ż-żewġ Kontijiet Finanzjarji msemmijin hawn fuq, u kwalunkwe Kont Finanzjarju ieħor tad-Detentur tal-Kont li jiġi ttrattat bħala Kont Preeżistenti taħt il-punt (b), bħala Kont Finanzjarju uniku sabiex jissodisfa l-istandards tar-rekwiżiti ta' għarfien stipulati iktar 'il quddiem fil-punt A tat-Taqsima VII, u sabiex jiġi determinat il-bilanċ jew il-valur ta' kwalunkwe wieħed mill-Kontijiet Finanzjarji meta japplikaw kwalunkwe wieħed mil-limiti tal-kont;

(iii) fir-rigward ta' Kont Finanzjarju li huwa suġġett għall-Proċeduri tal-AML/KYC, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti hija permessa tissodisfa dawn il-Proċeduri tal-AML/KYC għall-Kont Finanzjarju billi toqgħod fuq il-Proċeduri tal-AML/KYC mwettqa għall-Kont Preeżistenti deskritt fil-punt C(9)(a); u

(iv) il-ftuħ tal-Kont Finanzjarju ma jeħtieġx l-għoti ta' informazzjoni ġdida, addizzjonali jew emendata tal-klijent mid-Detentur tal-Kont ħlief għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

10. It-terminu "Kont Ġdid" ifisser Kont Finanzjarju miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti miftuħ fi jew wara l-1 ta' Jannar 2016 sakemm ma jkunx ittrattat bħala Kont Preeżistenti taħt il-punt C(9)(b).

11. It-terminu "Kont Individwali Preeżistenti" jfisser Kont Preeżistenti miżmum minn individwu wieħed jew aktar.

12. It-terminu “Kont Individwali Ġdid” ifisser Kont Ġdid miżmum minn individwu wieħed jew aktar.

13. It-terminu “Kont ta' Entità Preeżistenti” jfisser Kont Preeżistenti miżmum minn Entità waħda jew aktar.

14. It-terminu “Kont ta' Valur Aktar Baxx”ifisser Kont Individwali Preeżistenti b'bilanċ jew valur aggregat mill-31 ta' Diċembru 2015 li ⌦ ma qabiżx ⌫ ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 1 000 000.

15. It-terminu “Kont ta' Valur Għoli” jfisser Kont Individwali Preeżistenti b'bilanċ jew valur aggregat li jaqbeż, mill-31 ta' Diċembru 2015, jew mill-31 ta' Diċembru ta' kwalunkwe sena sussegwenti, ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 1 000 000.

16. It-terminu “Kont ta' Entità Ġdid” ifisser Kont Ġdid miżmum minn Entità waħda jew aktar.

17. It-terminu “Kont Esklużˮ ifisser kwalunkwe wieħed mill-kontijiet li ġejjin:

    (a) kont ta' rtirar jew pensjoni li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

        (i) il-kont huwa soġġett għal regolamentazzjoni bħala kont ta' rtirar personali jew huwa parti minn pjan ta' rtirar jew pensjoni rreġistrat jew irregolat għall-provvista ta' benefiċċji ta' rtirar jew pensjoni (inklużi benefiċċji ta' diżabilità jew mewt);

        (ii) il-kont jibbenifika minn benefiċċji tat-taxxa (jiġifieri, il-kontribuzzjonijiet għall-kont li nkella jkunu soġġetti għat-taxxa jiġu mnaqqsa jew esklużi mill-introjtu gross tad-Detentur tal-Kont jew intaxxati b'rata mnaqqsa, jew it-tassazzjoni ta' introjtu minn investiment mill-kont tkun differita jew intaxxata b'rata mnaqqsa);

        (iii) ir-rappurtar tal-informazzjoni huwa meħtieġ għall-awtoritajiet tat-taxxa fir-rigward tal-kont;

        (iv) il-ġbid tal-flus huwa bil-kondizzjoni li tintlaħaq età ta' rtirar speċifika, id-diżabilità, jew mewt, jew penali japplikaw għall-ġbid tal-flus li sar qabel dawn l-avvenimenti speċifiċi; u

        (v) jew (i) il-kontribuzzjonijiet annwali huma limitati għal ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 50 000 jew inqas, jew (ii) hemm limitu ta' kontribuzzjoni massima tul il-ħajja għall-kont ta' ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 1 000 000 jew inqas, f'kull każ japplikaw ir-regoli stipulati iktar 'il quddiem fil-punt C tat-Taqsima VII għall-aggregazzjoni tal-kontijiet u l-qlib tal-munita.

    Kont Finanzjarju li nkella jissodisfa r-rekwiżit tal-punt C(17)(a)(v) mhux ser jonqos milli jissodisfa dan ir-rekwiżit unikament minħabba li dan il-Kont Finanzjarju jista' jirċievi assi jew fondi trasferiti minn wieħed jew aktar kontijiet finanzjarji li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt C(17)(a) jew (b) jew minn wieħed jew aktar fondi tal-irtirar jew tal-pensjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe wieħed mills-subparagrafi B(5), (6) u (7).

(b) kont li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-kont huwa soġġett għal regolamentazzjoni bħala strument ta' investiment għal finijiet oħra għajr għall-irtirar u jiġi nnegozjat b'mod regolari f'suq tat-titoli stabbilit, jew il-kont huwa soġġett għal regolamentazzjoni bħala strument ta' tfaddil għal finijiet oħra għajr għall-irtirar;

(ii) il-kont jibbenifika minn benefiċċji tat-taxxa (jiġifieri, il-kontribuzzjonijiet għall-kont li nkella jkunu soġġetti għat-taxxa jiġu mnaqqsa jew eskluż mill-introjtu gross tad-Detentur tal-Kont jew intaxxati b'rata mnaqqsa, jew it-tassazzjoni ta' introjtu minn investiment mill-kont tkun differita jew intaxxata b'rata mnaqqsa);

(iii) il-ġbid tal-flus huwa bil-kondizzjoni li jissodisfa kriterji speċifiċi dwar il-fini tal-kont ta' investiment jew ta' tfaddil (pereżempju, l-għoti ta' benefiċċji edukattivi jew mediċi), jew il-penali japplikaw għall-ġbid tal-flus li jsir qabel dawn il-kriterji jkunu ssodisfati; u

(iv) il-kontribuzzjonijiet annwali huma limitati għal ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 50 000 jew inqas, billi japplikaw ir-regoli stipulati iktar 'il quddiem fil-punt C tat-Taqsima VII għall-aggregazzjoni tal-kontijiet u l-qlib tal-munita.

Kont Finanzjarju li nkella jissodisfa r-rekwiżit tal-punt C(17)(b)(iv) mhux ser jonqos milli jissodisfa dan ir-rekwiżit unikament minħabba li dan il-Kont Finanzjarju jista' jirċievi assi jew fondi trasferiti minn wieħed jew aktar kontijiet finanzjarji li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt C(17)(a) jew (b) jew minn wieħed jew aktar fondi tal-irtirar jew tal-pensjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe wieħed mill-punt B(5), (6) u (7).

(c) kuntratt tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja b'perijodu ta' kopertura li jintemm qabel ma l-individwu assigurat jilħaq l-età ta' 90 sena, sakemm il-kuntratt jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) primjums perjodiċi, li ma jonqsux matul iż-żmien, ikunu pagabbli mill-inqas kull sena matul il-perijodu li l-kuntratt ikun fis-seħħ jew sakemm l-assigurat jilħaq l-età ta' 90 sena, skont liema jkun l-iqsar;

(ii) il-kuntratt ma għandu l-ebda valur tal-kuntratt li kwalunkwe persuna tista' taċċessa (permezz ta' ġbid ta' flus, self, jew mod ieħor) mingħajr ma jintemm il-kuntratt;

(iii) l-ammont (minbarra benefiċċju tal-mewt) pagabbli malli jiġi kanċellat jew jintemm il-kuntratt ma jistax jaqbeż l-aggregat ta' primjums imħallsa għall-kuntratt, mingħajr is-somma ta' mortalità, morbożità, u ħlasijiet għal spejjeż (jekk attwalment imposti jew le) għall-perijodu jew il-perijodi tal-eżistenza tal-kuntratt u kwalunkwe ammont imħallas qabel jiġi kanċellat jew jintemm il-kuntratt; u

(iv) il-kuntratt ma jinżammx minn ċessjonarju għal valur.

(d) kont li jinżamm biss minn patrimonju jekk id-dokumentazzjoni għal kont bħal dan tinkludi kopja tat-testment jew iċ-ċertifikat tal-mewt tal-persuna mejta.

(e) kont stabbilit b'konnessjoni ma' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) ordni jew sentenza tal-qorti;

(ii) bejgħ, skambju, jew kiri ta' proprjetà reali jew personali, sakemm il-kont jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

– il-kont huwa ffinanzjat biss bi ħlas parzjali, kapparra, depożitu f'ammont xieraq biex jiġi żgurat obbligu direttament marbut mat-tranżazzjoni, jew ħlas simili, jew huwa ffinanzjat b'Ass Finanzjarju li hu ddepożitat fil-kont b'konnessjoni mal-bejgħ, l-iskambju, jew il-kiri tal-proprjetà;

– il-kont huwa stabbilit u użat biss biex jiġi żgurat l-obbligu tax-xerrej li jħallas il-prezz għax-xiri tal-proprjetà, li l-bejjiegħ iħallas kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti, jew li s-sid jew il-kerrej iħallas għal kwalunkwe dannu li jirrigwarda l-proprjetà mikrija kif miftiehem skont il-kuntratt tal-kera;

– l-assi tal-kont, inkluż l-introjtu rikavat fuqhom, jitħallsu jew b'xi mod ieħor jitqassmu għall-benefiċċju tax-xerrej, il-bejjiegħ, is-sid, jew il-kerrej (inkluż biex jiġi ssodisfat l-obbligu ta' din il-persuna) meta tinbiegħ, tiġi skambjata jew ċeduta l-proprjetà, jew tintemm il-kirja;

– il-kont mhuwiex marġni jew kont simili stabbilit b'rabta ma' bejgħ jew skambju ta' Ass Finanzjarju; u

– il-kont mhuwiex assoċjata ma' kont deskritt fil-puntC(17)(f).

(iii) obbligu ta' Istituzzjoni Finanzjarja li tagħti servizz ta' self garantit minn proprjetà immobbli biex jitwarrab fil-ġenb porzjon ta' pagament biss sabiex jiġi ffaċilitat il-ħlas ta' taxxi jew assigurazzjoni relatata ma' proprjetà immobbli fi żmien aktar tard.

(iv) obbligu ta' Istituzzjoni Finanzjarja biss sabiex jiġi ffaċilitat il-ħlas ta' taxxi fi żmien aktar tard.

(f) Kont Depożitarju li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-kont jeżisti biss minħabba li klijent jagħmel pagament żejjed minn bilanċ dovut fir-rigward ta' karta ta' kreditu jew faċilità ta' overdraft oħra u l-pagament żejjed ma jmurx immedjatament lura għand il-klijent; u

(ii) l-Istituzzjoni Finanzjarja timplimenta linji politiċi u proċeduri jew biex timpedixxi lil klijent milli jagħmel pagament żejjed ogħla minn ammont denominat fil-munita domestika ta' kull Stat Membru li jikkorrispondi għal USD 50 000, jew biex tiżgura li kwalunkwe pagament żejjed ta' klijent ogħla minn dak l-ammont jitħallas lura lill-klijent fi żmien 60 jum, f'kull każ jiġu applikati r-regoli stipulati iktar 'il quddiem fil-punt C tat-Taqsima VII għal l-qlib tal-munita. Għal din il-fini, pagament żejjed ta' klijent ma jirreferix għal bilanċi tal-kreditu sal-punt ta' imposti kkontestati iżda jinkludi bilanċi tal-kreditu li jirriżultaw mir-ritorn ta' merkanzija.

(g) kwalunkwe kont ieħor li jippreżenta riskju baxx biex jintuża għall-evażjoni tat-taxxa, għandu karatteristiċi sotanzjalment simili għal kwalunkwe wieħed mill-kontijiet deskritti fil-punt C(17)(a) sa (f), u huwa inkluż fil-lista ta' Kontijiet Esklużi msemmija fl-Artikolu 8(7), sakemm l-istatus ta' kont bħal dan bħala Kont Eskluż ma jxekkilx il-finijiet ta' din id-Direttiva.

D. Kont Rapportabbli

1. It-terminu "Kont Rapportabbli" jfisser Kont Finanzjarju li jkun miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ta' Stat Membru u minn waħda jew aktar Persuni Rapportabbli jew minn NFE Passiva b'waħda jew aktar Persuni Kontrollanti li hija Persuna Rapportabbli, sakemm dan ikun ġie identifikat bħala tali skont il-proċeduri ta' diliġenza dovuta deskritti fit-Taqsimiet II sa VII.

2. It-terminu "Persuna Rapportabbli" jfisser Persuna ta' Stat Membru għajr: (i) korporazzjoni li l-istokk tagħha jiġi regolarment kummerċjalizzat f'wieħed jew aktar swieq tat-titoli stabbiliti; (ii) kwalunkwe korporazzjoni li hija Entità Relatata ta' korporazzjoni deskritta filpunt (i); (iii) Entità Governattiva; (iv) Organizzazzjoni Internazzjonali; (v) Bank Ċentrali; jew (vi) Istituzzjoni Finanzjarja.

3. It-terminu "Persuna ta' Stat Membru" fir-rigward ta' kull Stat Membru jfisser individwu jew Entità li hija residenti fi kwalunkwe Stat Membru ieħor skont il-liġijiet tat-taxxa ta' dak l-Istat Membru l-ieħor, jew proprjetà ta' persuna deċeduta li kienet residenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor. Għal din il-fini, Entità bħal sħubija, sħubija b'responsabbiltà limitata jew arranġament legali simili, li m'għandhiex residenza għall-finijiet tat-taxxa għandha tkun ittrattata bħala residenti fil-ġurisdizzjoni fejn tinsab is-sede ta' ġestjoni effettiva tagħha.

4. It-terminu "Ġurisdizzjoni Parteċipanti" fir-rigward ta' kull Stat Membru jfisser:

   (a) kwalunkwe Stat Membru ieħor;

   (b) kwalunkwe ġurisdizzjoni oħra (i) li magħha l-Istat Membru konċernat għandu ftehim fis-seħħ li skontu dik il-ġurisdizzjoni tipprovdi l-informazzjoni speċifikata fit-Taqsima I, u (ii) li hija identifikata f'lista ppubblikata minn dak l-Istat Membru u nnotifikata lill-Kummissjoni Ewropea;

   (c) kwalunkwe ġurisdizzjoni oħra (i) li magħha l-Istat Membru konċernat għandu ftehim fis-seħħ li skontu dik il-ġurisdizzjoni tipprovdi l-informazzjoni speċifikata fit-Taqsima I, u (ii) li hija identifikata f'lista ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea.

5. It-terminu "Persuni Kontrollanti" jfisser persuni fiżiċi li jeżerċitaw kontroll fuq Entità. Fil-każ ta' trust, dak it-terminu jfisser is-settlor(s), il-fiduċjarju(i), il-protettur(i) (jekk ikun hemm), il-benefiċjarju(i) jew klassi(jiet) ta' benefiċjarji, u kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll effettiv aħħari fuq it-trust, u fil-każ ta' arranġament legali għajr trust, dan it-terminu jfisser persuni f'pożizzjonijiet ekwivalenti jew simili. It-terminu "Persuni Kontrollanti" għandu jiġi interpretat b'mod konsistenti ma' Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.

6. It-terminu "NFE" jfisser kull Entità li mhijiex Istituzzjoni Finanzjarja.

7. It-terminu “NFE Passiva” jfisser kwalunkwe: (i) NFE li mhijiex NFE Attiva; jew (ii) Entità ta' Investiment deskritta fil-punt A(6)(b) li mhijiex Istituzzjoni Finanzjarja ta’Ġurisdizzjoni Parteċipanti.

8. It-terminu “NFE Attiva” jfisser kwalunkwe NFE li tissodisfa kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

   (a) inqas minn 50 % tal-introjtu gross tal-NFE għas-sena kalendarja preċedenti jew perijodu ta' rappurtar xieraq ieħor huwa introjtu passiv u inqas minn 50 % tal-assi miżmuma mill-“NFE” matul is-sena kalendarja preċedenti jew għall-perijodu ta' rappurtar xieraq ieħor huma assi li jipproduċu jew jinżammu għall-produzzjoni ta' introjtu passiv;

   (b) l-istokk tal-NFE jiġi regolarment innegozjat f'suq tat-titoli stabbilit jew l-NFE hija Entità Relatata ta' Entità li l-istokk tagħha jiġi regolarment innegozjat f'suq tat-titoli stabbilit;

   (c) l-NFE hija Entità Governattiva, Organizzazzjoni Internazzjonali, Bank Ċentrali, jew Entità kollha kemm hi proprjetà ta' wieħed jew aktar minn ta' qabel;

   (d) sostanzjalment l-attivitajiet kollha tal-NFE jikkonsistu miż-żamma (totalment jew parzjalment) tal-istokk pendenti ta', jew li jipprovdu finanzjament u servizzi lil, waħda jew aktar sussidjarji li jidħlu f'kummerċ jew negozji oħra għajr in-negozju ta' Istituzzjoni Finanzjarja, ħlief li Entità ma tikkwalifikax għal dan l-istatus jekk l-Entità tiffunzjona (jew isservi) bħala fond ta' investiment, bħal fond ta' ekwità privata, fond ta' kapital ta' riskju, leveraged buyout fund, jew kwalunkwe strument ta' investiment li l-għan tiegħu hu li jakkwista jew jiffinanzja kumpanniji u mbagħad ikollu interessi f'dawk il-kumpanniji bħala assi kapitali għal finijiet ta' investiment;

   (e) l-NFE għadha mhux qed tħaddem negozju u ma għandha l-ebda storja ta' tħaddim minn qabel, iżda qed tinvesti f'assi kapitali bl-intenzjoni li tħaddem negozju ieħor għajr dak ta' Istituzzjoni Finanzjarja, sakemm l-NFE ma tikkwalifikax għal din l-eċċezzjoni wara d-data li hija 24 xahar wara d-data tal-organizzazzjoni inizjali tal-NFE;

   (f) l-NFE ma kinitx Istituzzjoni Finanzjarja f'dawn l-aħħar ħames snin, u hija fil-proċess li tillikwida l-assi tagħha jew qed torganizza mill-ġdid bl-intenzjoni li tkompli jew terġa' tibda l-operazzjonijiet f'negozju ieħor għajr dak ta' Istituzzjoni Finanzjarja;

   (g) l-NFE primarjament tinvolvi ruħha fil-finanzjament u t-tranżazzjonijiet ta' hedging ma', jew għal, Entitajiet Relatati li mhumiex Istituzzjonijiet Finanzjarji, u ma tipprovdix finanzjament jew servizzi ta' hedging lil kwalunkwe Entità li mhijiex Entità Relatata, sakemm il-grupp ta' kwalunkwe tali Entità Relatata huwa primarjament involut f'negozju għajr dak ta' Istituzzjoni Finanzjarja; jew

   (h) l-NFE tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

      (i) hija stabbilita u kienet topera fl-Istat Membru tagħha jew ġurisdizzjoni oħra ta' residenza esklussivament għal finijiet reliġjużi, ta' karità, xjentifiċi, artistiċi, kulturali, atletiċi, jew edukattivi; jew hija stabbilita u kienet topera fl-Istat Membru

tagħha jew ġurisdizzjoni oħra ta' residenza u hija organizzazzjoni professjonali, league tan-negozju, kamra tal-kummerċ, organizzazzjoni tax-xogħol, organizzazzjoni agrikola jew ortikulturali, league ċiviku jew organizzazzjoni mħaddma esklussivament għall-promozzjoni tal-benesseri soċjali;

(ii) hija eżenti mit-taxxa fuq l-introjtu fl-Istat Membru tagħha jew ġurisdizzjoni oħra ta' residenza;

(iii) hija ma għandha l-ebda azzjonist jew membru li għandhom dritt jew interess benefiċjali fl-introjtu jew tal-assi tagħha;

(iv) il-liġijiet applikabbli tal-Istat Membru tal-NFE jew ġurisdizzjoni oħra ta' residenza jew dokumenti tal-formazzjoni tal-NFE ma jippermettu l-ebda introjtu jew assi tal-NFE li jitqassmu lil, jew jiġu applikati għall-benefiċċju ta', persuna privata jew Entità mhux ta' karità għajr skont l-aġir tal-attivitajiet ta' karità tal-NFE, jew bħala ħlas ta' kumpens raġonevoli għal servizzi mogħti, jew bħala ħlas li jirrappreżenta l-valur tas-suq ġust ta' proprjetà li tkun xtrat l-NFE; u

(v) il-liġijiet applikabbli tal-Istat Membru tal-NFE jew ġurisdizzjoni oħra ta' residenza jew dokumenti tal-formazzjoni tal-NFE jeħtieġu li, mal-likwidazzjoni jew ix-xoljiment tal-NFE, l-assi kollha tagħha jitqassmu lil Entità Governattiva jew organizzazzjoni oħra mingħajr skop ta' qligħ, jew escheat lill-Gvern tal-Istat Membru tal-NFE jew ġurisdizzjoni oħra ta' residenza jew kwalunkwe suddiviżjoni politika tagħha.

E. Mixxellanji

1. It-terminu "Detentur ta' Kont" ifisser il-persuna elenkata jew identifikati bħala detentur ta' Kont Finanzjarju mill-Istituzzjoni Finanzjarja li żżomm il-kont. Persuna, għajr Istituzzjoni Finanzjarja, li għandha Kont Finanzjarju għall-benefiċċju jew kont ta' persuna oħra bħala aġent, kustodju, nominata, firmatarja, konsulent tal-investiment, jew intermedjarja, mhijiex trattata bħala detentur tal-kont għall-finijiet ta' din id-Direttiva, u din il-persuna hija ttrattata bħala detentur tal-kont. Fil-każ ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità, id-Detentur tal-Kont huwa kwalunkwe persuna intitolata għal aċċess għall-Valur fi Flus jew li tibdel il-benefiċjarju tal-kuntratt. Jekk l-ebda persuna ma tista' taċċessa l-Valur fi Flus jew tibdel il-benefiċjarju, id-Detentur tal-Kont huwa kwalunkwe persuna indikata bħala s-sid fil-kuntratt u kwalunkwe persuna b'intitolament proprju għal pagament skont it-termini tal-kuntratt. Mal-maturità ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità, kull persuna intitolata li tirċievi pagament skont il-kuntratt hija ttrattata bħala Detentur tal-Kont.

2. It-terminu "Proċeduri tal-AML/KYC" jfisser proċeduri ta' diliġenza dovuta tal-klijent ta' Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti skont ir-rekwiżiti kontra l-ħasil tal-flus jew rekwiżiti simili li għalihom hija soġġetta din l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti.

3. It-terminu "Entità" jfisser persuna ġuridika jew arranġament legali, bħal korporazzjoni, sħubija, trust, jew fondazzjoni.

4. Entità hija “Entità Relatata” ta' Entità oħra jekk (i) kwalunkwe Entità tikkontrolla l-Entità l-oħra; (ii) iż-żewġ Entitajiet huma taħt kontroll komuni; jew (iii) iż-żewġ Entitajiet huma Entitajiet ta' Investiment deskritti fil-puntA(6)(b), taħt ġestjoni komuni, u din il-ġestjoni tissodisfa l-obbligi ta' diliġenza dovuta ta' dawn l-Entitajiet ta' Investiment. Għal dan l-għan il-kontroll jinkludi sjieda diretta jew indiretta ta' aktar minn 50 % tal-votazzjoni u l-valur f'Entità.

5. It-terminu “TIN” ifisser in-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kontribwent (jew l-ekwivalenti funzjonali fin-nuqqas ta' Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kontribwent).

6. It-terminu “Evidenza Dokumentata” jinkludi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) ċertifikat ta' residenza maħruġ minn korp governattiv awtorizzat (pereżempju, gvern jew aġenzija tiegħu, jew muniċipalità) tal-Istat Membru jew ġurisdizzjoni oħra li fiha l-benefiċjarju jiddikjara li hu residenti;

   (b) fir-rigward ta' individwu, kwalunkwe identifikazzjoni valida maħruġa minn korp governattiv awtorizzat (pereżempju, gvern jew aġenzija tiegħu, jew muniċipalità), li tinkludi l-isem tal-individwu u tipikament tintuża għal finijiet ta' identifikazzjoni;

   (c) fir-rigward ta' Entità, kwalunkwe dokumentazzjoni uffiċjali maħruġa minn korp governattiv awtorizzat (pereżempju, gvern jew aġenzija tiegħu, jew muniċipalità) li tinkludi l-isem tal-Entità u jew l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tagħha fl-Istat Membru jew ġurisdizzjoni oħra li fiha hija tiddikjara li hija residenti jew l-Istat Membru jew ġurisdizzjoni oħra fejn l-Entità kienet inkorporata jew organizzata;

   (d) kwalunkwe dikjarazzjoni finanzjarja awditjata, rapport tal-kreditu minn partijiet terzi, dikjarazzjoni ta' falliment, jew rapport tar-regolatur tat-titoli.

   Fir-rigward ta' Kont ta' Entità Preeżistenti, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti jistgħu jużaw bħala Evidenza Dokumentata kwalunkwe klassifikazzjoni fir-rekords tal-Istituzzjoni Finanzjarj Rapportanti fir-rigward tad-Detentur ta' Kont li kien iddeterminat abbażi ta' sistema ta' kodiċi tal-industrija standardizzata, li kien irreġistrat minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti konsistenti mal-prattiki tan-negozju normali tagħha għal finijiet ta' Proċeduri tal-AML/KYC jew finijiet regolatorji oħra (ħlief għal finijiet tat-taxxa) u li ġiet implimentata minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti qabel id-data użata għall-klassifikazzjoni tal-Kont Finanzjarju bħala Kont Preeżistenti, sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma tkunx taf jew ma jkollhiex raġuni biex tkun taf li din il-klassifikazzjoni hija żbaljata jew mhux affidabbli. It-terminu “sistema ta' kodiċi tal-industrija standardizzata” jfisser sistema ta' kodiċi użata għall-klassifikazzjoni ta' stabbilimenti skont it-tip ta' negozju għal finijiet oħra li mhumiex finijiet tat-taxxa.

TAQSIMA IX

IMPLIMENTAZZJONI EFFETTIVA

Skont l-Artikolu 8(4) ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhu jkollhom regoli u proċeduri amministrattivi fis-seħħ sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta', u l-konformità ma', ir-rappurtar u l-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti hawn fuq inkluż:

(1) regoli li jipprevjenu kwalunkwe Istituzzjoni Finanzjarja, persuna jew intermedjarju milli jadottaw prattiki maħsuba biex jiġu evitati r-rappurtar u l-proċeduri ta' diliġenza dovuta;

(2) regoli li jirrikjedu li l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti żżomm rekords tal-passi li ttieħdu u kwalunkwe prova invokata għat-twettiq tal-proċeduri ta' hawn fuq u miżuri adegwati biex jinkisbu dawk ir-rekords;

(3) proċeduri amministrattivi biex jivverifikaw il-konformità tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti mar-rappurtar u l-proċeduri ta' diliġenza dovuta; proċeduri amministrattivi biex tkun segwita Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti meta jiġu rappurtati kontijiet mhux dokumentati;

(4) proċeduri amministrattivi biex jiżguraw li l-Entitajiet u l-kontijiet definiti fil-liġi domestika bħala Istituzzjonijiet Finanzjarji mhux Rapportanti u Kontijiet Esklużi jibqa' jkollhom riskju baxx li jintużaw għall-evażjoni tat-taxxa; u

(5) dispożizzjonijiet ta' infurzar effettivi biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konformità.

_____

ANNESS II

RAPPURTAR KOMPLEMENTARI U REGOLI TA' DILIĠENZA DOVUTA GĦAL INFORMAZZJONI TA' KONT FINANZJARJU

1. BIDLA FIĊ-ĊIRKUSTANZI

'Bidla fiċ-ċirkostanzi' tinkludi kwalunkwe bidla li tirriżulta fiż-żieda ta' informazzjoni rilevanti għall-istatus ta' persuna jew inkella konflitti ma' tali status ta' persuna. Barra minn hekk, bidla fiċ-ċirkustanzi tinkludi kwalunkwe bidla jew żieda ta' informazzjoni għall-kont tad-Detentur tal-Kont (inkluż iż-żieda, is-sostituzzjoni, jew bidla oħra ta' Detentur tal-Kont) jew kwalunkwe bidla jew żieda ta' informazzjoni għal kwalunkwe kont assoċjati ma' tali kont (bl-applikazzjoni tar-regoli ta' aggregazzjoni tal-kont deskritti fil-punti C(1), (2) u (3) tat-Taqsima VII tal-Anness I) jekk tali bidla jew żieda ta' informazzjoni taffettwa l-istatus tad-Detentur tal-Kont.

Jekk Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti bbażat ruħha fuq it-test tal-indirizz tar-residenza deskritt fil-punt B(1) tat-Taqsima III tal-Anness I u jkun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi li tikkawża lill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti li tkun taf jew ikollha raġuni biex tkun taf li l-Evidenza Dokumentata oriġinali (jew dokumentazzjoni ekwivalenti oħra) hija żbaljata jew mhux affidabbli, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha, sa aktar tard mill-aħħar jum tas-sena kalendarja rilevanti jew perijodu ta' rappurtar xieraq oħra, jew 90 jum kalendarju wara l-avviż jew l-iskoperta ta' tali bidla fiċ-ċirkustanzi, biex tikseb awtoċertifikazzjoni u Evidenza Dokumentata ġdida biex tiġi stabbilita r-residenza(i) għal finijiet ta' taxxa tad-Detentur tal-Kont. Jekk Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ma tistax tikseb l-awtoċertifikazzjoni u Evidenza Dokumentata ġdida sa tali data, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti għandha tapplika l-proċedura tat-tfittxija tar-rekords elettronika deskritta fil-punt B(2) sa (6) tat-Taqsima III tal-Anness I.

2. AWTOĊERTIFIKAZZJONI GĦAL KONTIJIET TAL-ENTITÀ ĠODDA

Fir-rigward tal-Kontijiet ta' Entità Ġdida, għall-finijiet tad-determinazzjoni jekk Persuna Kontrollanti ta' NFE Passiva hijiex Persuna Rapportabbli, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tista' tibbaża ruħha biss fuq awtoċertifikazzjoni jew mingħand id-Detentur tal-Kont jew il-Persuna Kontrollanti.

3. RESIDENZA TA' ISTITUZZJONI FINANZJARJA

Istituzzjoni Finanzjarja hija "residenti" fi Stat Membru jekk hija soġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru (jiġifieri, l-Istat Membru jista' jinforza r-rappurtar mill-Istituzzjoni Finanzjarja). B'mod ġenerali, meta Istituzzjoni Finanzjarja tkun residenti għall-finijiet ta' taxxa fi Stat Membru, hija soġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' dan l-Istat Membru u hija, għalhekk, Istituzzjoni Finanzjarja tal-Istat Membru. Fil-każ ta' trust li tkun Istituzzjoni Finanzjarja (irrispettivament minn jekk hijiex residenti għall-finijiet ta' taxxa fi Stat Membru), it-trust hija meqjusa li hija soġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jekk wieħed jew aktar mill-fiduċjarji tagħha huma residenti f'dak l-Istat Membru, ħlief jekk it-trust tirrapporta l-informazzjoni kollha meħtieġa li għandha tiġi rrapportata skont din id-Direttiva fir-rigward ta' Kontijiet Rapportabbli miżmuma mit-trust lil Stat Membru ieħor għax hija residenti għall-finijiet ta' taxxa f'tali Stat Membru ieħor. Madankollu, meta Istituzzjoni Finanzjarja (għajr trust) ma għandhiex residenza għal finijiet ta' taxxa (pereżempju, għax tiġi ttrattat bħala fiskalment trasparenti, jew tinsab f'ġurisdizzjoni li ma għandhiex taxxa fuq l-introjtu), hija

meqjusa bħala soġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u hija, għalhekk, Istituzzjoni Finanzjarja tal-Istat Membru jekk:

(a) hija inkorporata skont il-liġijiet tal-Istat Membru;

(b) għandha l-post ta' ġestjoni tagħha (inkluża l-ġestjoni effettiva) fl-Istat Membru; jew

(c) hija soġġetta għal superviżjoni finanzjarja fl-Istat Membru.

Meta Istituzzjoni Finanzjarja (għajr trust) hija residenti f'żewġ Stati Membri jew aktar, tali Istituzzjoni Finanzjarja tkun soġġetta għall-obbligi ta' rappurtar u ta' diliġenza dovuta tal-Istat Membru li fih hija żżomm Kont(ijiet) Finanzjarju(i).

4. KONT MIŻMUM

B'mod ġenerali, kont jitqies li huwa miżmuma minn Istituzzjoni Finanzjarja kif ġej:

(a) fil-każ ta' Kont ta' Kustodja, mill-Istituzzjoni Finanzjarja li jkollha kustodja fuq l-assi fil-kont (inkluż Istituzzjoni Finanzjarja li żżomm assi f'isem ta' triq għal Detentur ta' Kont f'tali istituzzjoni);

(b) fil-każ ta' Kont Depożitarju, mill-Istituzzjoni Finanzjarja li tkun obbligata tagħmel pagamenti fir-rigward tal-kont (bl-esklużjoni ta' aġent ta' Istituzzjoni Finanzjarja irrispettivament minn jekk tali aġent huwiex Istituzzjoni Finanzjarja);

(c) fil-każ ta' kwalunkwe ekwità jew ta' interess ta' dejn f'Istituzzjoni Finanzjarja li tikkostitwixxi Kont Finanzjarju, minn tali Istituzzjoni Finanzjarja;

(d) fil-każ ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità, mill-Istituzzjoni Finanzjarja li tkun obbligata tagħmel pagamenti fir-rigward tal-kuntratt.

5. TRUSTS LI HUMA NFES PASSIVI

Entità bħal sħubija, sħubija b'responsabbiltà limitata jew arranġament legali simili li m'għandha l-ebda residenza għall-finijiet ta' taxxa, skont il-punt D(3) tat-Taqsima VIII tal-Anness I, għandha tiġi ttrattata bħala residenti f'ġurisdizzjoni fejn tinsab is-sede ta' ġestjoni effettiva tagħha. Għal dawn il-finijiet, persuna ġuridika jew arranġament legali huwa meqjus "simili" għal sħubija u sħubija b'responsabbiltà limitata fejn din ma tiġix trattata bħala unità taxxabbli fi Stat Membru skont il-liġijiet dwar it-taxxa ta' dak l-Istat Membru. Madankollu, sabiex jiġi evitat rapportar doppju (minħabba l-ambitu wiesgħa tat-terminu "Persuni Kontrollanti" fil-każ ta' trusts), trust li huwa NFE Passiva ma jistax jitqies bħala arranġament legali simili.

6. INDIRIZZ TAL-UFFIĊĊJU PRINĊIPALI TAL-ENTITÀ

Wieħed mir-rekwiżiti deskritti fil-punt E(6)(c) tat-Taqsima VIII tal-Anness I huwa li, fir-rigward ta' Entità, id-dokumentazzjoni uffiċjali tinkludi jew l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tal-Entità fl-Istat Membru jew ġurisdizzjoni oħra li fiha hija tiddikjara li hija residenti jew l-Istat Membru jew ġurisdizzjoni oħra fejn l-Entità kienet inkorporata jew organizzata. L-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tal-Entità ġeneralment huwa l-post fejn tinsab is-sede ta' ġestjoni effettiva tagħha. L-indirizz ta' Istituzzjoni Finanzjarja li magħha l-Entità żżomm kont, kaxxa postali, jew indirizz użati biss għal finijiet postali mhuwiex l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tal-Entità sakemm dan l-indirizz ma jkunx l-uniku indirizz użat mill-Entità u jidher bħala indirizz reġistrat tal-Entità fid-dokumenti organizzattivi tal-entità. Barra minn hekk, indirizz li jiġi pprovdut soġġett għall-istruzzjonijiet sabiex tinżamm il-posta kollha għal dak l-indirizz mhuwiex l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tal-Entità.

_____

↓ (UE) 2016/881 Art. 1.9 u Anness (adattat)

ANNESS III

REGOLI TA' PREŻENTAZZJONI GĦAL GRUPPI TA' INTRAPRIŻI MULTINAZZJONALI

TAQSIMA I

TERMINI DEFINITI

1. It-terminu "Grupp" ifisser ġabra ta' intrapriżi relatati permezz ta' sjieda jew kontroll b'mod li jkun obbligat li jħejji Rapporti Finanzjarji Konsolidati għal finijiet ta' rappurtar finanzjarju skont il-prinċipji tal-kontabbiltà applikabbli jew inkella jkun obbligat jagħmel dan kieku interessi azzjonarji f'xi waħda mill-intrapriżi kienu nnegozjati f'borża tat-titoli pubblika.

2. It-terminu "Intrapriża" ifisser kwalunkwe forma ta' tmexxija ta' negozju minn kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 3, il-punt 11(b), (c) u (d).

3. It-terminu "Grupp MNE" ifisser kwalunkwe Grupp li jinkludi żewġ intrapriżi jew iktar li r-residenza tat-taxxa tagħhom tinsab f'ġurisdizzjonijiet differenti, jew li jinkludi intrapriża li hija residenti għal finijiet ta' taxxa f'ġurisdizzjoni waħda u hija soġġetta għat-taxxa fir-rigward tan-negozju li jsir permezz ta' stabbiliment permanenti f'ġurisdizzjoni oħra, u li mhuwiex Grupp MNE Eskluż.

4. It-terminu "Grupp MNE Eskluż" ifisser, fir-rigward ta' kwalunkwe Sena Finanzjarja tal-Grupp, Grupp li jkollu dħul konsolidat tal-grupp totali ta' inqas minn EUR 750 000 000 jew ammont fil-munita lokali ekwivalenti għal madwar EUR 750 000 000 minn Jannar 2015 matul is-Sena Fiskali immedjatament qabel is-Sena Fiskali tar-Rappurtar kif rifless fir-Rapporti Finanzjarji Konsolidati tiegħu għal tali Sena Fiskali preċedenti.

5. It-terminu "Entità Kostitwenti" ifisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) kwalunkwe unità tan-negozju separata ta' Grupp MNE li hija inkluża fir-Rapporti Finanzjarji Konsolidati tal-Grupp MNE għal finijiet tar-rappurtar finanzjarju, jew li tkun hekk inkluża kieku l-interessi azzjonarji fit-tali unità tan-negozju ta' Grupp MNE kienu nnegozjati f'borża tat-titoli pubblika;

   (b) kwalunkwe unità tan-negozju li hija eskluża mir-Rapporti Finanzjarji Konsolidati tal-Grupp MNE unikament għal raġunijiet ta' daqs jew materjalità;

   (c) kwalunkwe stabbiliment permanenti ta' kwalunkwe unità tan-negozju separata tal-Grupp MNE inkluż ' fil-punti (a) jew (b) ⌦ sakemm ⌫ l-unità tan-negozju tħejji dikjarazzjoni finanzjarja separata għal tali stabbiliment permanenti għall-finijiet ta' rappurtar finanzjarju, regolatorji, rappurtar tat-taxxa, jew ta' kontroll intern tal-ġestjoni.

6. It-terminu "Entità Notifikanti" ifisser l-Entità Kostitwenti li tkun obbligata tippreżenta rapport għal kull pajjiż konformi mar-rekwiżiti fl-Artikolu 10(3) fil-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tagħha f'isem il-Grupp MNE. L-Entità

Notifikanti tista' tkun l-Entità Omm Apikali, l-Entità Omm Surrogata, jew kwalunkwe entità deskritta fil-punt 1 tat-Taqsima II.

7. It-terminu "Entità Omm Apikali" jfisser Entità Kostitwenti ta' Grupp MNE li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

   (a) ikollha direttament jew indirettament interess suffiċjenti f'Entità Kostitwenti waħda jew iktar ta' tali Grupp MNE b'mod li tkun obbligata tħejji Rapporti Finanzjarji Konsolidati skont il-prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment applikati fil-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tagħha, jew tkun obbligata tagħmel dan kieku l-interessi azzjonarji tagħha kienu nnegozjati f'borża tat-titoli pubblika fil-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tagħha;

   (b) m'hemm l-ebda Entità Kostitwenti oħra ta' tali Grupp MNE li għandha direttament jew indirettament interess deskritt fil-punt (a) fl-ewwel Entità Kostitwenti msemmija.

8. It-terminu "Entità Omm Surrogata" ifisser Entità Kostitwenti waħda tal-Grupp MNE li tkun ġiet nominata minn dak il-Grupp MNE, bħala sostitut uniku għall-Entità Omm Apikali, sabiex tippreżenta ir-rapport għal kull pajjiż fil-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa ta' dik l-Entità Kostitwenti, f'isem tali Grupp MNE, fejn tkun tapplika kondizzjoni waħda jew aktar stabbiliti fuil-punt 1(b) tat-Taqsima II.

9. It-terminu "Sena Fiskali" ifisser perijodu ta' kontabbiltà annwali fir-rigward ta' liema l-Entità Omm Apikali tal-Grupp MNE tħejji d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

10. It-terminu "Sena Fiskali tar-Rappurtar" ifisser dik is-Sena Fiskali li r-riżultati finanzjarji u operazzjonali tagħha huma riflessi fir-rapport għal kull pajjiż imsemmi fl-Artikolu 10(3).

11. It-terminu "Ftehim Kwalifikanti bejn Awtoritajiet Kompetenti" ifisser ftehim li huwa bejn ir-rappreżentanti awtorizzati ta' Stat Membru tal-UE u ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni li huma partijiet ta' Ftehim Internazzjonali u li jeħtieġ l-iskambju awtomatiku ta' rapporti għal kull pajjiż bejn il-ġurisdizzjoni tal-partijiet.

12. It-terminu "Ftehim Internazzjonali" ifisser il-Konvenzjoni Multilaterali dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fil-Qasam Fiskali, kwalunkwe konvenzjoni bilaterali jew multilaterali dwar it-taxxa, jew kwalunkwe ftehim dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa li l-Istat Membru huwa parti tiegħu, u li skont it-termini tiegħu jipprovdi awtorità legali għall-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa bejn il-ġurisdizzjonijiet, inkluż l-iskambju awtomatiku ta' tali informazzjoni.

13. It-terminu "Rapporti Finanzjarji Konsolidati" ifisser ir-rapporti finanzjarji ta' Grupp MNE li fihom l-assi, il-passivi, l-introjtu, l-ispejjeż u l-flussi tal-flus tal-Entità Omm Apikali u l-Entitajiet Kostitwenti huma ppreżentati bħala dawk ta' entità ekonomika waħda.

14. It-terminu "Nuqqas Sistemiku" fir-rigward ta' ġurisdizzjoni jfisser li ġurisdizzjoni għandha Ftehim Kwalifikanti bejn Awtoritajiet Kompetenti fis-seħħ ma' Stat Membru iżda tkun issospendiet l-iskambju awtomatiku (għal raġunijiet oħra li mhumiex skont it-termini ta' dak il-Ftehim), jew inkella li ġurisdizzjoni tkun naqset persistentement b'xi mod ieħor li tipprovdi awtomatikament lil Stat Membru rapporti għal kull pajjiż fil-pussess tagħha ta' Gruppi MNE li għandhom Entitajiet Kostitwenti f'dak l-Istat Membru.

TAQSIMA II

REKWIŻITI TAR-RAPPURTAR ĠENERALI

1. Entità Kostitwenti residenti fi Stat Membru li mhijiex l-Entità Omm Apikali ta' Grupp MNE għandha tippreżenta rapport għal kull pajjiż fir-rigward tas-Sena Fiskali tar-Rappurtar ta' Grupp MNE li hija Entità Kostitwenti tiegħu, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

   (a) l-entità hija residenti għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru;

   (b) tapplika waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

      (i) l-Entità Omm Apikali tal-Grupp MNE mhijiex obbligata li tippreżenta rapport għal kull pajjiż fil-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tagħha;

      (ii) il-ġurisdizzjoni li l-Entità Omm Apikali hija residenti fiha għal finijiet ta' taxxa għandha Ftehim Internazzjonali attwali li għalih huwa parti l-Istat Membru, iżda ma għandhiex fis-seħħ Ftehim Kwalifikanti bejn Awtoritajiet Kompetenti li għalih huwa parti l-Istat Membru saż-żmien speċifikat fl-Artikolu 10(1) għall-preżentazzjoni tar-rapport għal kull pajjiż għas-Sena Fiskali ta' Rappurtar;

      (iii) kien hemm Nuqqas Sistemiku tal-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tal-Entità Omm Apikali li jkun ġie notifikat mill-Istat Membru lill-Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fl-Istat Membru.

   Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Entità Omm Apikali msemmija fl-Artikolu 10(1) jew tal-Entità Omm Surrogata tagħha li tressaq l-ewwel rapport għal kull pajjiż għas-Sena Fiskali tal-Grupp MNE li tibda fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-obbligu għal Entitajiet Kostitwenti stabbilit fil-punt 1 ta' din it-Taqsima għandu japplika għal rapporti għal kull pajjiż fir-rigward tas-Snin Fiskali tar-Rapportar li jibdew fi jew wara l-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem.

   Entità Kostitwenti residenti fi Stat Membru kif definit fl-ewwel paragrafu ta' dan il-punt għandha titlob lill-Entità Omm Apikali tagħha biex tipprovdilha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha li tippreżenta rapport għal kull pajjiż, f'konformità mal-Artikolu 10(3). Jekk minkejja dan, dik l-Entità Kostitwenti ma tkunx kisbet jew akkwistat l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tirrapporta għall-Grupp MNE, din l-Entità Kostitwenti għandha tippreżenta rapport għal kull pajjiż li jkun fih l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħha, miksuba jew akkwistata, u tinnotifika lill-Istat Membru ta' residenza tagħha li l-Entità Omm Apikali tkun irrifjutat li tagħmel l-informazzjoni meħtieġa disponibbli. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istat Membru kkonċernat li japplika l-penali previsti fil-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu u dan l-Istat Membru għandu jinforma l-Istati Membri kollha b'dan ir-rifjut.

   Fejn ikun hemm iktar minn Entità Kostitwenti waħda tal-istess MNE li huma residenti għal finijiet ta' taxxa fl-Unjoni u tkun tapplika kondizzjoni waħda jew iktar stipulati fil-punt (b), il-Grupp MNE jista' jinnomina waħda minn dawn l-Entitajiet Kostitwenti sabiex tippreżenta r-rapport għal kull pajjiż li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 10(3) fir-rigward ta' kwalunkwe Sena Fiskali tar-Rappurtar fid-data ta' skadenza speċifikata fl-Artikolu 10(1) u biex tinnotifika lill-Istat Membru li l-preżentazzjoni hija maħsuba li tissodisfa r-rekwiżit tal-preżentazzjoni tal-Entitajiet

Kostitwenti kollha ta' Grupp MNE bħal dan li huma residenti għal finijiet ta' taxxa fl-Unjoni. Dak l-Istat Membru għandu, skont l-Artikolu 10(2), jikkomunika r-rapport għal kull pajjiż li jkun wasal lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li fih, fuq il-bażi tal-informazzjoni fir-rapport għal kull pajjiż, Entità Kostitwenti waħda jew aktar tal-Grupp MNE tal-Entità Notifikanti ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew inkella jkunu soġġetti għat-taxxa fir-rigward tan-negozju mwettaq permezz ta' stabbiliment permanenti.

Fejn Entità Kostitwenti ma tistax tikseb jew takkwista l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tippreżenta rapport għal kull pajjiż, f'konformità mal-Artikolu 10(3), tali Entità Kostitwenti ma għandhiex tkun eliġibbli li tiġi nominata bħala l-Entità Notifikanti għall-Grupp MNE f'konformità mar-raba' paragrafu ta' dan il-punt. Din ir-regola għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Entità Kostitwenti li tinnotifika l-Istat Membru ta' residenza tagħha li l-Entità Omm Apikali tkun irrifjutat li tagħmel l-informazzjoni meħtieġa disponibbli.

2. B'deroga mill-punt 1, meta tkun tapplika kondizzjoni waħda jew iktar stipulati fil-punt 1(b), entità deskritta fil-punt 1 ma għandhiex tkun meħtieġa li tippreżenta rapport għal kull pajjiż b'rabta ma' kwalunkwe Sena Fiskali tar-Rappurtar jekk il-Grupp MNE li hija Entità Kostitwenti tiegħu għamel disponibbli rapport għal kull pajjiż skont l-Artikolu 10(3) b'rabta ma' tali Sena Fiskali permezz ta' Entità Omm Surrogata li tippreżenta dak ir-rapport għal kull pajjiż mal-awtorità tat-taxxa tal-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tagħha fi jew qabel id-data speċifikata fl-Artikolu 10(1) u li, f'każ li l-Entità Omm Surrogata hija residenti tat-taxxa f'ġurisdizzjoni barra mill-Unjoni, tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tal-Entità Omm Surrogata teħtieġ il-preżentazzjoni ta' rapporti għal kull pajjiż li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 10(3);

   (b) il-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tal-Entità Omm Surrogata għandha fis-seħħ Ftehim Kwalifikanti bejn Awtoritajiet Kompetenti li għalih huwa parti l-Istat Membru saż-żmien speċifikat fl-Artikolu 10(1) għall-preżentazzjoni tar-rapport għal kull pajjiż għas-Sena Fiskali tar-Rappurtar;

   (c) il-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tal-Entità Omm Surrogata ma tkunx innotifikat l-Istat Membru b'Nuqqas Sistemiku;

   (d) il-ġurisdizzjoni ta' residenza fiskali tal-Entità Omm Surrogata tkun ġiet notifikata mhux aktar tard mill-aħħar jum tas-Sena Fiskali tar-Rapportar ta' tali Grupp MNE mill-Entità Kostitwenti residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġurisdizzjoni tagħha li hija l-Entità Omm Surrogata;

   (e) tkun ġiet ipprovduta notifika lill-Istat Membru skont il-punt 4.

3. L-Istati Membri għandhom jitolbu li kull Entità Kostitwenti ta' Grupp MNE li hija residenti għal finijiet ta' taxxa f'dak l-Istat Membru tinnotifika lill-Istat Membru jekk hijiex l-Entità Omm Apikali jew l-Entità Omm Surrogata jew l-Entità Kostitwenti nominata taħt il-punt 1, mhux iktar tard mill-aħħar jum tas-Sena Fiskali tar-Rappurtar ta' Grupp MNE bħal dan. L-Istati Membri jistgħu jestendu dik l-iskadenza sal-aħħar jum għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa ta' dik l-Entità Kostitwenti għas-sena fiskali preċedenti.

4. L-Istati Membri għandhom jitolbu li meta Entità Kostitwenti ta' Grupp MNE, li hija residenti għal finijiet ta' taxxa f'dak l-Istat Membru, mhijiex l-Entità Omm Apikali u lanqas l-Entità Omm Surrogata u lanqas l-Entità Kostitwenti nominata taħt il-punt 1,

din għandha tinnotifika lill-Istat Membru bl-identità u r-residenza tat-taxxa tal-Entità Notifikanti, mhux iktar tard mill-aħħar jum tas-Sena Fiskali tar-Rappurtar ta' Grupp MNE bħal dan. L-Istati Membri jistgħu jestendu dik l-iskadenza sal-aħħar jum għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa ta' dik l-Entità Kostitwenti għas-sena fiskali preċedenti.

5. Ir-rapport għal kull pajjiż għandu jispeċifika l-munita tal-ammonti msemmija f'dak ir-rapport.

TAQSIMA III

RAPPORT GĦAL KULL PAJJIŻ

A. Mudell għar-rapport għal kull pajjiż

Tabella 1. Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni tal-introjtu, it-taxxi u l-attivitajiet kummerċjali skont il-ġurisdizzjoni fiskali											
Isem il-Grupp MNE: Sena Fiskali kkonċernata: Munita użata:											
Ġurisdizzjoni fiskali	Dħul			Profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu	Taxxa fuq l-introjtu mħallsa (l-ammont effettivament imħallas — "cash basis")	Taxxa fuq l-introjtu akkumulata-sena kurrenti	Kapital iddikjarat	Qligħ akkumulat	Numru ta' impjegati	Assi tanġibbli barra flus u ekwivalenti ta' flus
	Parti mhux relatata	Parti relatata	Total							

Tabella 2 Lista tal-Entitajiet Kostitwenti tal-Grupp MNE inklużi f'kull aggregazzjoni għal kull ġurisdizzjoni fiskali															
Isem il-Grupp MNE: Sena Fiskali kkonċernata:															
Ġurisdizzjoni fiskali	Entitajiet kostitwenti residenti fil-ġurisdizzjoni fiskali	Ġurisdizzjoni fiskali tal-organizzazzjoni jew inkorporazzjoni jekk differenti mill-ġurisdizzjoni fiskalitar-residenza	Attività/Attivitajiet kummerċjali ewlenin												
			Riċerka u żvilupp	Żamma jew ġestjoni tal-proprjetà intellettwali	Xiri jew akkwist	Manifattura jew produzzjoni	Bejgħ, kummerċjalizzazzjoni jew distribuzzjoni	Servizzi amministrattiv, maniġerjali jew ta' appoġġ	Provvista ta' servizzi lil partijiet mhux relatati	Finanzi tal-grupp intern	Servizzi finanzjarji regolati	Assigurazzjoni	Żamma ta' azzjonijiet jew strumenti ta' ekwità oħra	Inattiv	Oħrajn[1]
	1.														
	2.														
	3.														
	1.														
	2.														
	3.														

[1] Jekk jogħġbok speċifika n-natura ta' attività tal-Entità Kostitwenti fl-"Informazzjoni addizzjonali".

Tabella 3: Informazzjoni addizzjonali

Isem il-Grupp MNE:

Sena fiskali kkonċernata:

Jekk jogħġbok inkludi kwalunkwe informazzjoni jew spjegazzjoni qasira ulterjuri li tqis li hija meħtieġa jew li tiffaċilita l-fehim tal-informazzjoni obbligatorja pprovduta fir-rapport għal kull pajjiż

B. Struzzjonijiet ġenerali għall-kompilazzjoni tar-rapport għal kull pajjiż

1. Skop

Il-mudell għandu jintuża għar-rappurtar tal-allokazzjoni tal-introjtu, it-taxxi u l-attivitajiet kummerċjali ta' grupp ta' intrapriżi multinazzjonali (MNE) abbażi tal-ġurisdizzjoni fiskali.

2. Trattament ta' fergħat u stabbilimenti permanenti

Id-data dwar l-istabbiliment permanenti għandha tiġi rrappurtata b'referenza għall-ġurisdizzjoni fiskali li jinstab fih u mhux b'referenza għall-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza tal-unità kummerċjali li l-istabbiliment permanenti huwa parti minnha. Ir-rappurtar tal-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza għall-unità kummerċjali li minnha jagħmel parti l-istabbiliment permanenti għandu jeskludi data finanzjarja relatata mal-istabbiliment permanenti.

3. Perijodu kopert mill-mudell annwali

Il-mudell għandu jkopri s-Sena Fiskali tal-MNE notifikanti. Għall-Entitajiet Kostitwenti, fid-diskrezzjoni tal-MNE notifikanti, il-mudell għandu jirrifletti waħda mill-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsistenti:

(a) informazzjoni għas-Sena Fiskali tal-Entitajiet Kostitwenti rilevanti li tintemm fl-istess data bħas-Sena Fiskali tal-MNE notifikanti, jew li tintemm fi żmien 12-il xahar qabel dik id-data;

(b) informazzjoni għal kull Entità Kostitwenti rilevanti rappurtata għas-Sena Fiskali tal-MNE notifikanti.

4. Sors tad-data

L-MNE notifikanti għandha konsistentement tuża l-istess sorsi ta' data minn sena għal sena meta timla l-mudell. L-MNE notifikanti tista' tagħżel li tuża data mill-pakketti ta' konsolidazzjoni tagħha, mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji tal-entitajiet separati, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji regolatorji, jew kontijiet ta' ġestjoni interna. Mhuwiex meħtieġ li jiġu rrikonċiljati d-dħul, il-profitt u r-rappurtar tat-taxxa fil-mudell għar-Rapporti Finanzjarji Konsolidati. Jekk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji jintużaw bħala l-bażi għar-rappurtar, l-ammonti kollha għandhom jinbidlu għall-munita funzjonali ddikjarata tal-MNE notifikanti bir-rata medja tal-kambju għas-sena ddikjarata fit-taqsima tal-"Informazzjoni addizzjonali" tal-mudell. Madankollu, m'hemmx għalfejn isiru aġġustamenti għal differenzi fil-prinċipji tal-kontabbiltà applikati minn ġurisdizzjoni fiskali għal ġurisdizzjoni fiskali.

L-MNE notifikanti għandha tipprovdi deskrizzjoni qasira tas-sorsi ta' data użati fil-preparazzjoni tal-mudell fit-taqsima tal-"Informazzjoni addizzjonali" tal-mudell. Jekk issir bidla fis-sors tad-data użata minn sena għal sena, l-MNE notifikanti għandha tispjega r-raġunijiet għall-bidla u l-konsegwenzi tagħha fit-taqsima tal-"Informazzjoni addizzjonali" tal-mudell.

C. Struzzjonijiet speċifiċi għall-kompilazzjoni tar-rapport għal kull pajjiż

1. Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni ta' introjtu, it-taxxi u l-attivitajiet kummerċjali skont il-ġurisdizzjoni fiskali (Tabella 1)

1.1. Ġurisdizzjoni fiskali

Fl-ewwel kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha telenka l-ġurisdizzjonijiet fiskali kollha li fihom l-Entitajiet Kostitwenti tal-Grupp MNE huma residenti għal finijiet ta' taxxa. Ġurisdizzjoni fiskali hija definita bħala Stat kif ukoll ġurisdizzjoni mhux tal-Istat li jkollha awtonomija fiskali. Għandha tkun inkluża linja separata għall-Entitajiet Kostitwenti kollha fil-Grupp MNE li jitqiesu mill-MNE notifikanti li ma jkunux residenti f'xi ġurisdizzjoni fiskali għal finijiet ta' taxxa. Meta Entità Kostitwenti hija residenti f'iktar minn ġurisdizzjoni fiskali waħda, ir-regoli deċiżivi tal-konvenzjoni tat-taxxa previsti mill-konvenzjoni dwar it-taxxa għandhom jiġu applikati sabiex jiddeterminaw il-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza. Meta ma teżisti l-ebda konvenzjoni dwar it-taxxa applikabbli, l-Entità Kostitwenti għandha tiġi rrappurtata fil-ġurisdizzjoni fiskali tas-sede ta' ġestjoni effettiva tal-Entità Kostitwenti. Is-sede ta' ġestjoni effettiva għandu jiġi ddeterminat bi standards maqbula internazzjonalment.

1.2. Dħul

Fit-tliet kolonni tal-mudell taħt l-intestatura "Dħul", l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ammont tad-dħul tal-Entitajiet Kostitwenti kollha tal-Grupp MNE fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti ġġenerat minn tranżazzjonijiet ma' intrapriżi assoċjati;

(b) l-ammont tad-dħul tal-Entitajiet Kostitwenti kollha tal-Grupp MNE fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti ġġenerat minn tranżazzjonijiet ma' partijiet indipendenti;

(c) it-total tal-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b).

Id-dħul għandu jinkludi dħul minn bejgħ ta' inventarju u proprjetajiet, servizzi, drittijiet dovuti għall-użu ta' proprjetà, interessi, primjums u kwalunkwe ammont ieħor. Id-dħul għandu jeskludi ħlasijiet irċevuti minn Entitajiet Kostitwenti oħra li huma ttrattati bħala dividendi fil-ġurisdizzjoni fiskali ta' min iħallas.

1.3. Profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu

Fil-ħames kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tal-profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu għal kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. Il-profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu għandu jinkludi kull introjtu u spiża straordinarji.

1.4. Taxxa fuq l-introjtu mħallsa (l-ammont effettivament imħallas — "cash basis")

Fis-sitt kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tat-taxxa fuq l-introjtu effettivament imħallsa matul is-Sena Fiskali rilevanti minn kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. It-taxxi mħallsa għandhom jinkludu t-taxxi fi flus imħallsa mill-Entità Kostitwenti lill-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza u lil kull ġurisdizzjoni fiskali oħra. It-taxxi mħallsa għandhom jinkludu t-taxxa minn ras il-għajn imħallsa minn entitajiet oħrajn (intrapriżi assoċjati u intrapriżi indipendenti) fir-rigward tal-ħlasijiet lill-Entità Kostitwenti. Għaldaqstant, jekk il-kumpanija A fil-ġurisdizzjoni fiskali A taqla' interess fil-ġurisdizzjoni fiskali B, it-taxxa minn ras il-għajn fil-ġurisdizzjoni fiskali B għandha tiġi rrapportata mill-kumpanija A.

1.5. Taxxa fuq l-introjtu akkumulata (sena kurrenti)

Fis-seba' kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tal-ispiża tat-taxxa kurrenti akkumulata fuq il-profitti jew it-telf taxxabbli tas-sena ta' rappurtar ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. L-ispiża tat-taxxa kurrenti għandha tirrifletti biss l-operazzjonijiet fis-sena kurrenti u ma għandhiex tinkludi taxxi differiti jew proviżjonijiet għal debiti tat-taxxa inċerti.

1.6. Kapital dikjarat

Fit-tmien kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tal-kapital dikjarat ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. Fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti, il-kapital dikjarat għandu jiġi rrappurtat mill-entità legali li tagħha huwa stabbiliment permanenti dment li ma jkunx hemm rekwiżit ta' kapital definit fil-ġurisdizzjoni fiskali tal-istabbiliment permanenti għal finijiet regolatorji.

1.7. Qligħ akkumulat

Fid-disa' kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tal-qligħ akkumulat ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti sa mill-aħħar tas-sena. Fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti, il-qligħ akkumulat għandu jiġi rrappurtat mill-entità legali li tagħha huwa stabbiliment permanenti.

1.8. Numru ta' impjegati

Fl-għaxar kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta n-numru totali ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full-time (FTE) ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. In-numru ta' impjegati jista' jiġi rappurtat ma' tmiem is-sena, fuq il-bażi ta' livelli medji ta' impjieg għas-sena, jew fuq kwalunkwe bażi oħra applikata b'mod konsistenti fid-diversi ġurisdizzjonijiet fiskali u minn sena għal sena. Għal dan il-għan, kuntratturi indipendenti li jipparteċipaw fl-attivitajiet operattivi ordinarji tal-Entità Kostitwenti jistgħu jiġu rrappurtati bħala impjegati. L-arrotondament raġonevoli jew l-approssimazzjoni tan-numru ta' impjegati huwa permissibbli, sakemm dan l-arrotondament jew l-approssimazzjoni ma jtellfux materjalment id-distribuzzjoni relattiva ta' impjegati b'mod materjali fid-diversi ġurisdizzjonijiet fiskali. Approċċi konsistenti għandhom ikunu applikati minn sena għal sena u fid-diversi entitajiet.

1.9. Assi tanġibbli barra flus u ekwivalenti ta' flus

Fil-ħdax-il kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tal-valuri nett skont il-karta tal-bilanċ ta' assi tanġibbli ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. Fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti, l-assi għandhom jiġu rrappurtati b'referenza għall-ġurisdizzjoni fiskali li fiha jinsab l-istabbiliment permanenti. Għal dan il-għan, l-assi tanġibbli ma jinkludux flus jew ekwivalenti ta' flus, assi intanġibbli, jew assi finanzjarji.

2. Lista tal-Entitajiet Kostitwenti kollha tal-Grupp MNE inklużi f'kull aggregazzjoni skont il-ġurisdizzjoni fiskali (Tabella 2)

2.1. Entitajiet Kostitwenti residenti fil-ġurisdizzjoni fiskali

L-MNE notifikanti għandha telenka, skont il-ġurisdizzjoni fiskali u skont l-isem tal-entità legali, l-Entitajiet Kostitwenti residenti kollha tal-Grupp MNE li huma residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. Kif iddikjarat fil-punt 2 tal-istruzzjonijiet ġenerali rigward l-istabbilimenti permanenti, madankollu, l-istabbiliment permanenti għandu jkun elenkat permezz ta' referenza għall-ġurisdizzjoni fiskali li jinstab fiha. L-entità legali li tagħha huwa l-istabbiliment permanenti għandha tiġi nnotata.

2.2. Ġurisdizzjoni fiskali tal-organizzazzjoni jew inkorporazzjoni jekk differenti mill-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza

L-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-isem tal-ġurisdizzjoni fiskali fejn skont il-liġijiet tagħha l-Entità Kostitwenti tal-Grupp MNE hija organizzata jew inkorporata jekk hija differenti mill-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza.

2.3. Attività/Attivitajiet kummerċjali ewlenin

L-MNE notifikanti għandha tiddetermina n-natura tal-attività/attivitajiet prinċipali tal-kummerċ li twettqu mill-Entità Kostitwenti fil-ġurisdizzjoni fil-qasam tat-taxxa rilevanti, billi timmarka kaxxa jew kaxxi rilevanti.

↓ (UE) 2018/822 Art. 1.8 u Anness

ANNESS IV

KARATTERISTIĊI DISTINTIVI

Part I. Il-kriterju tal-benefiċċju prinċipali

Il-karatteristiċi distintivi ġeneriċi fil-kategorija A u karatteristiċi distintivi speċifiċi taħt il-kategorija B u taħt il-punti C1(b)(i), (c) u (d) jistgħu jitqiesu biss meta jissodisfaw "il-kriterju tal-benefiċċju prinċipali".

Dak il-kriterju ikun issodisfat jekk jista' jiġi stabbilit li l-benefiċċju prinċipali jew wieħed mill-benefiċċji prinċipali li, b'kont meħud tal-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, persuna tista' b'mod raġonevoli tistenna li tikseb minn dan l-arranġament huwa l-kisba ta' vantaġġ ta' taxxa.

Fil-kuntest tal-karatteristika distintiva taħt il-punt 1 tal-kategorija C, il-preżenza ta' kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti C1(b)(i), (c) jew (d) ma tistax waħedha tkun raġuni sabiex jiġi konkluż li arranġament jissodisfa l-kriterju tal-benefiċċju prinċipali.

Part II. Kategoriji ta' karatteristiċi distintivi

A. Karatteristiċi distintivi ġeneriċi relatati mal-kriterju tal-benefiċċju prinċipali

1. Arranġament fejn il-kontribwent rilevanti jew parteċipant fl-arranġament jintrabtu li jikkonformaw ma' kondizzjoni ta' kunfidenzjalità li tista' tirrikjedi li ma jiżvelawx kif l-arranġament jista' jikseb vantaġġ ta' taxxa fil-konfront ta' intermedjarji oħra jew tal-awtoritajiet tat-taxxa.

2. Arranġament fejn l-intermedjarju jkun intitolat li jirċievi ħlas (jew imgħax, rimunerazzjoni għall-kostijiet finanzjarji u għal spejjeż oħra) għall-arranġament u fejn dak il-ħlas ikun stabbilit b'referenza għal:

   (a) l-ammont tal-vantaġġ ta' taxxa miksub mill-arranġament; jew

   (b) jekk vantaġġ ta' taxxa jinkisibx jew le mill-arranġament. Dan ikun jinkludi obbligu fuq l-intermedjarju ta' rifużjoni parzjali jew sħiħa tal-ħlas jekk il-vantaġġ ta' taxxa maħsub, miksub mill-arranġament, ma nkisibx parzjalment jew b'mod sħiħ.

3. Arranġament li jkollu dokumentazzjoni u/jew struttura sostanzjalment standardizzati u huwa disponibbli għal aktar minn kontribwent wieħed rilevanti mingħajr il-ħtieġa li jiġi sostanzjalment addattat għall-implimentazzjoni.

B. Karatteristiċi distintivi speċifiċi relatati mal-kriterju tal-benefiċċju prinċipali

1. Arranġament li permezz tiegħu parteċipant f'arranġament jieħu passi artifiċjali li jikkonsistu fil-kisba ta' kumpannija li tagħmel it-telf, il-waqfien tal-attività prinċipali tat-tali kumpannija u l-użu tat-telf tagħha sabiex titnaqqas l-obbligazzjoni tat-taxxa tagħha, inkluż permezz ta' trasferiment ta' dak it-telf lil ġurisdizzjoni oħra jew permezz tal-aċċelerazzjoni fl-użu ta' dak it-telf.

2. Arranġament li għandu l-effett li jikkonverti l-introjtu f'kapital, donazzjonijiet jew kategoriji oħra ta' dħul li jkunu ntaxxati f'livell aktar baxx jew eżentati mit-taxxa.

3. Arranġament li jinkludi transazzjonijiet ċirkolari (circular transactions) li jirriżultaw fir-round-tripping ta' fondi, b'mod partikolari bl-involviment ta' entitajiet intermedjarji mingħajr l-ebda funzjoni jew transazzjoni kummerċjali primarja oħra li jikkumpensaw jew jikkanċellaw lil xulxin jew li għandhom karatteristiċi simili oħra.

C. Karatteristiċi distintivi speċifiċi relatati mat-transazzjonijiet transkonfinali

1. Arranġament li jinvolvi arranġamenti transkonfinali li jistgħu jitnaqqsu magħmula bejn żewġ intrapriżi assoċjati jew aktar fejn isseħħ mill-inqas waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

   (a) ir-riċevitur mhuwiex residenti għal finijiet ta' taxxa f'xi ġurisdizzjoni tat-taxxa;

   (b) għalkemm ir-riċevitur huwa residenti f'ġurisdizzjoni għal finijiet ta' taxxa, dik il-ġurisdizzjoni:

      (i) ma timponi l-ebda taxxa korporattiva jew timponi taxxa korporattiva bir-rata ta' żero jew kważi żero; jew

      (ii) tiġi inkluża f'lista ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li ġew ivvalutati mill-Istati Membri b'mod kollettiv jew fi ħdan il-qafas tal-OECD bħala li ma jikkooperawx;

   (c) il-pagament jibbenefika minn eżenzjoni sħiħa mit-taxxa fil-ġurisdizzjoni fejn ir-riċevitur huwa residenti għal finijiet ta' taxxa;

   (d) il-pagament jibbenefika minn sistema tat-taxxa preferenzjali f'ġurisdizzjoni fejn ir-riċevitur huwa residenti għal finijiet ta' taxxa;

2. It-tnaqqis għall-istess deprezzament fuq l-assi jintalab f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda.

3. Ikun iddikjarat ħelsien mit-tassazzjoni doppja fir-rigward tal-istess element ta' introjtu jew kapital f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda.

4. Hemm arranġament li jinkludi t-trasferimenti ta' assi u fejn hemm differenza materjali fl-ammont li qed jiġi trattat bħala pagabbli, b'kunsiderazzjoni tal-assi f'dawk il-ġurisdizzjonijiet involuti.

D. Karatteristiċi distintivi speċifiċi dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni u dwar is-sidien benefiċjarji

1. Arranġament li jista' jkollu l-effett li jdgħajjef l-obbligu ta' rappurtar taħt il-liġijiet li jimplimentaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni jew kwalunkwe ftehimiet ekwivalenti dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji, inklużi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, jew li jieħu vantaġġ min-nuqqas ta' leġislazzjoni jew ftehimiet bħal dawn. Dawn l-arranġamenti jinkludu mill-inqas dan li ġej:

   (a) l-użu ta' kont, prodott jew investiment li ma jkunx, jew maħsub li mhuwiex, Kont Finanzjarju, iżda jkollu karatteristiċi li huma sostanzjalment simili għal dawk ta' Kont Finanzjarju;

   (b) it-trasferiment ta' Kontijiet Finanzjarji jew assi, jew l-użu ta' ġurisdizzjonijiet li mhumiex marbuta bl-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji mal-Istat ta' residenza tal-kontribwent rilevanti;

(c) il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' introjtu u kapital fi prodotti jew pagamenti li mhumiex soġġetti għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji;

(d) it-trasferiment jew il-konverżjoni ta' Istituzzjoni Finanzjarja jew Kont Finanzjarju jew l-assi tagħhom f'Istituzzjoni Finanzjarja jew Kont Finanzjarju jew assi mhux soġġetti għal rappurtar skont l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji;

(e) l-użu ta' entitajiet ġuridiċi, arranġamenti jew strutturi li jeliminaw jew maħsuba li jeliminaw ir-rappurtar ta' wieħed jew aktar Detenturi ta' Kont jew Persuni Kontrollanti permezz tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji;

(f) arranġamenti li jdgħajfu, jew jisfruttaw id-dgħufijiet fi, il-proċeduri ta' diliġenza dovuta użati minn Istituzzjonijiet Finanzjarji biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jirrappurtaw informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji, inkluż l-użu ta' ġurisdizzjonijiet b'sistemi inadegwati jew dgħajfa tal-infurzar ta' leġislazzjoni kontra l-ħasil tal-flus jew b'rekwiżiti ta' trasparenza dgħajfa għal persuni ġuridiċi jew arranġamenti ġuridiċi.

2. Arranġament li jinvolvi katina ta' sidien ġuridiċi jew benefiċjarji mhux trasparenti bl-użu ta' persuni, arranġamenti jew strutturi ġuridiċi:

(a) li ma jwettqux attività ekonomika sostantiva bis-sostenn ta' persunal, tagħmir, assi u bini adegwati; u

(b) li huma inkorporati, ġestiti, residenti, ikkontrollati jew stabbiliti f'ġurisdizzjoni differenti minn dik il-ġurisdizzjoni tar-residenza ta' wieħed jew aktar sidien benefiċjarji tal-assi miżmuma minn dawn il-persuni, arranġamenti jew strutturi ġuridiċi; u

(c) fejn is-sidien benefiċjarji ta' tali persuni, arranġamenti jew strutturi ġuridiċi, kif definit fid-Direttiva (UE) 2015/849, isiru mhux identifikabbli.

E. Karatteristiċi distintivi dwar il-prezzijiet ta' trasferiment

1. Arranġament li jinvolvi l-użu ta' regoli dwar protezzjoni unilaterali.

2. Arranġament li jinvolvi t-trasferiment ta' assi intanġibbli mhux faċilment stimabbli. It-terminu "assi intanġibbli mhux faċilment stimabbli" jkopri intanġibbli jew drittijiet fl-intanġibbli li għalihom, fil-mument tat-trasferiment tagħhom bejn intrapriżi assoċjati:

(a) ma jeżistu l-ebda prodotti simili affidabbli; u

(b) fiż-żmien meta saret it-transazzjoni, il-projezzjonijiet ta' flussi futuri ta' flus jew introjtu mistennija li jiġu mill-intanġibbli ttrasferit, jew is-suppożizzjonijiet użati fil-valutazzjoni tal-intanġibbli huma inċerti ħafna, u b'hekk huwa diffiċli li jitbassar il-livell ta' suċċess aħħari tal-intanġibbli fil-mument tat-trasferiment.

3. Arranġament li jinvolvi trasferiment tal-funzjonijiet transkonfinali intragrupp u/jew riskji u/jew assi, jekk il-qligħ annwali proġettat qabel l-imgħax u t-taxxi (EBIT), matul il-perijodu ta' tliet snin wara t-trasferiment, tat-trasferent jew

trasferenti, huwa anqas minn 50 % tal-EBIT annwali proġettat ta' tali trasferent jew trasferenti jekk it-trasferiment ma kienx sar.

_____

↑

ANNESS V

Parti A

Direttivi mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħhom
(imsemmija fl-Artikolu 35)

Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE	(ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1)
Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE	(ĠU L 359, 16.12.2014, p. 1)
Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2376	(ĠU L 332, 18.12.2015, p. 1)
Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881	(ĠU L 146, 3.6.2016, p. 8)
Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/2258	(ĠU L 342, 16.12.2016, p. 1)
Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/822	(ĠU L 139, 5.6.2018, p. 1)

Parti B

Skadenzi għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u dati ta' applikazzjoni
(msemmija fl-Artikolu 35)

Direttiva	Skadenzi għat-traspożizzjoni	Data tal-applikazzjoni
Direttiva 2011/16/EU	1 ta' Jannar 2013 (1 ta' Jannar 2015 fir-rigward tal-Artikolu 8)	
Direttiva 2014/107/EU	31 ta' Diċembru 2015	1 ta' Jannar 2016 (1 ta' Jannar 2017 safejn l-Awstrija hija kkonċernata)
Direttiva (EU) 2015/2376	31 ta' Diċembru 2016	1 ta' Jannar 2017
Direttiva (EU) 2016/881	4 ta' Ġunju 2017	5 ta' Ġunju 2017
Direttiva (EU) 2016/2258	31 ta' Diċembru 2017	1 ta' Jannar 2018
Direttiva (EU) 2018/822	31 ta' Diċembru 2019	1 ta' Lulju 2020

ANNESS VI

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 2011/16/EU	Din id-Direttiva
Artikoli 1 sa 7	Artikoli 1 sa 7
Artikolu 8(1), (2) u (3)	Artikolu 8(1), (2) u (3)
Artikolu 8(3a)	Artikolu 8(4)
Artikolu 8(6)	Artikolu 8(5)
Artikolu 8(7)	Artikolu 8(6)
Artikolu 8(7a)	Artikolu 8(7)
Artikolu 8(8)	Artikolu 8(8)
Artikolu 8a(1)	Artikolu 9(1)
Artikolu 8a(2)	–
Artikolu 8a(3)	Artikolu 9(2)
Artikolu 8a(4)	Artikolu 9(3)
Artikolu 8a(5)	Artikolu 9(4)
Artikolu 8a(6)	Artikolu 9(5)
Artikolu 8a(7)	Artikolu 9(6)
Artikolu 8a(8)	Artikolu 9(7)
Artikolu 8a(9)	–
Artikolu 8a(10)	Artikolu 9(8)
Artikolu 8aa	Artikolu 10
Artikolu 8ab	Artikolu 11
Artikolu 8b(1)	–
Artikolu 8b(2)	Artikolu 12
Artikolu 9	Artikolu 13
Artikolu 10	Artikolu 14
Artikolu 11	Artikolu 15

Artikolu 12	Artikolu 16
Artikolu 13	Artikolu 17
Artikolu 14	Artikolu 18
Artikolu 15	Artikolu 19
Artikolu 16	Artikolu 20
Artikolu 17	Artikolu 21
Artikolu 18	Artikolu 22
Artikolu 19	Artikolu 23
Artikolu 20(1) sa (4)	Artikolu 24(1) sa (4)
Artikolu 20(5), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 24(5), l-ewwel u t-tieni subparagrafu
Artikolu 20(5), it-tieni subparagrafu	Artikolu 24(5), it-tielet subparagrafu
Artikolu 20(5), it-tielet subparagrafu	Artikolu 24(5), ir-raba 'subparagrafu
Artikolu 20(6)	Artikolu 24(6)
Artikolu 21(1) sa (4)	Artikolu 25(1) sa (4)
Artikolu 21(5), l-ewwel u t-tieni subparagrafu	Artikolu 25(5), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 21(5), it-tielet subparagrafu	Artikolu 25(5), it-tieni subparagrafu
Artikolu 21(5), ir-raba 'subparagrafu	Artikolu 25(5), it-tielet subparagrafu
Artikolu 21(6)	Artikolu 25(6)
Artikolu 22(1)	Artikolu 26(1)
Artikolu 22(1a)	Artikolu 26(2)
Artikolu 22(2)	Artikolu 26(3)
Artikolu 23	Artikolu 27
Artikolu 23a	Artikolu 28
Artikolu 24	Artikolu 29
Artikolu 25(1)	Artikolu 30(1)
Artikolu 25(1a)	Artikolu 30(2)
Artikolu 25(2)	Artikolu 30(3)

Artikolu 25(3)	Artikolu 30(4)
Artikolu 25(4)	Artikolu 30(5)
Artikolu 25a	Artikolu 31
Artikolu 26	Artikolu 32
Artikolu 27	Artikolu 33
Artikolu 28	Artikolu 35
Artikolu 29	Artikolu 34
Artikolu 30	Artikolu 36
Artikolu 31	Artikolu 37
Annessi I sa IV	Annessi I sa IV
–	Anness V
–	Anness VI